ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 257

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

30 ta' Settembru 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI


Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 907/2009 tad-29 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..................... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 908/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkin u r-raj fl-ilmijiet tal-KE ta' VIId min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju** ..................... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 909/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkin u r-raj fl-ilmijiet tal-KE ta' VIII u IX min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju** ..................... 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 910/2009 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS)** [1] ..................... 7

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2009 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv fl-għalf għas-salmonidi u l-gambli (detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS)** [1] ........... 10


[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

★ **Deċiżjoni Nru 912/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp dwar il-metroloġija meħud b'impenn minn diversi Stati Membri** ([1]) ..... 12

---

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/720/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2009 li tistabilixxi d-data għat-tlestija tal-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6910)* ..... 26

2009/721/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2009 li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija ta' Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR)** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7044)* ..... 28

2009/722/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2003/324/KE rigward deroga mill-projbizzjoni tar-riċiklaġġ intraspeċje għall-annimali tal-pil fil-Latvja** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5550)* ..... 38

---

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

2009/723/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUSEC/1/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)** ..... 40

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 907/2009

**tad-29 ta' Settembru 2009**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 32,8 |
| | ZZ | 32,8 |
| 0707 00 05 | TR | 121,8 |
| | ZZ | 121,8 |
| 0709 90 70 | TR | 110,1 |
| | ZZ | 110,1 |
| 0805 50 10 | AR | 89,6 |
| | CL | 109,9 |
| | TR | 83,3 |
| | UY | 88,0 |
| | ZA | 70,7 |
| | ZZ | 88,3 |
| 0806 10 10 | EG | 109,7 |
| | IL | 111,8 |
| | TR | 102,8 |
| | US | 190,3 |
| | ZZ | 128,7 |
| 0808 10 80 | BR | 83,8 |
| | CL | 83,2 |
| | NZ | 80,0 |
| | US | 83,8 |
| | ZA | 73,1 |
| | ZZ | 80,8 |
| 0808 20 50 | AR | 81,8 |
| | CN | 60,5 |
| | TR | 100,4 |
| | US | 161,5 |
| | ZA | 70,4 |
| | ZZ | 94,9 |
| 0809 30 | TR | 108,0 |
| | ZZ | 108,0 |
| 0809 40 05 | IL | 116,1 |
| | TR | 99,1 |
| | ZZ | 107,6 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 908/2009

## tat-28 ta' Settembru 2009

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkin u r-raj fl-ilmijiet tal-KE ta' VIId min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]) [il-Politika Komuni tas-Sajd], u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ([2]) [il-Politika Komuni tas-Sajd], u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid ([3]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2009.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2009.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art ikunu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2009 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandu jkun ipprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2009

*Għall-Kummissjoni*
Fokion FOTIADIS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 19/T&Q |
| Stat membru | Il-Belġju |
| Stokk | SRX/07D. |
| Speċi | Rebekkin u Raj (*Rajidae*) |
| Żona | l-ilmijiet tal-KE ta' VIId |
| Data | 1.9.2009 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 909/2009

## tat-28 ta' Settembru 2009

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkin u r-raj fl-ilmijiet tal-KE ta' VIII u IX min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]) [il-Politika Komuni tas-Sajd], u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ([2]) [il-Politika Komuni tas-Sajd], u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid ([3]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2009.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2009.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art ikunu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2009 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandu jkun ipprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 18/T&Q |
| Stat membru | Il-Belġju |
| Stokk | SRX/89-C. |
| Speċi | Rebekkin u Raj (*Rajidae*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-KE ta’ VIII u IX |
| Data | 1.9.2009 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 910/2009

## tad-29 ta' Settembru 2009

## dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni.

(2) Dan ir-Regolament jawtorizza użu ġdid tal-preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 bħala addittiv fl-għalf taż-żwiemel.

(3) B'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata bid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) L-Awtorità Ewropea tas-Sikurezza Alimentari ("l-Awtorità") wettqet l-istima tar-riskju skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' "addittivi żootekniċi".

(6) L-użu ta' dik il-preparazzjoni ilu awtorizzat għal għaxar snin permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 226/2007 ([2]) fil-każ tal-mogħoż u n-nagħaġ li jinħalbu u għal għaxar snin permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1293/2008 ([3]) fil-każ tal-ħrief.

(7) Tressqet dejta ġdida bħala sostenn tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għaż-żwiemel. Fl-opinjonijiet tagħha tat-12 ta' Settembru 2006 ([4]) u tal-1 ta' April 2009 ([5]), l-Awtorità kkonkludiet li l-preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 ma għandhiex effett mhux mixtieq fuq saħħet l-annimali, fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent, u li l-preparazzjoni jista' jkollha benefiċċju sinifikanti fuq id-diġestjoni tal-fibra. L-Awtorità ma tqisx li hemm il-ħtieġa ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf imressaq mil-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(8) L-evalwazzjoni ta' dik il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "sustanzi li jsaħħu d-diġestibilità", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

([2]) ĠU L 64, 2.3.2007, p. 26.

([3]) ĠU L 340, 19.12.2008, p. 38.

([4]) *The EFSA Journal* (2006) 385, p. 1.

([5]) *The EFSA Journal* (2009) 1040, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: sustanzi li jsaħħu d-diġestibilità** | | | | | | | | | |
| 4a1711 | LALLEMAND SAS | *Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 | Kompożizzjoni tal-addittiv:<br>Għamla solida:<br>*Preparazzjoni ta' Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 ta' ċelloli vijabbli nixfin b'konċentrazzjoni minima garantita ta' $2 \times 10^{10}$ CFU/g.<br>Fl-għamla miksija:<br>*Preparazzjoni ta' Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 ta' ċelloli vijabbli nexfin b'konċentrazzjoni minima garantita ta' $1 \times 10^{10}$ CFU/g<br><br>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:<br>*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077: 80 % ta' ċelloli vijabbli nexfin u 14 % ta' ċelloli mhux vijabbli.<br><br>Metodu analitiku ([1]):<br>Metodu għas-sustanzi dilwiti suċċessivi (pure plate method) u identifikazzjoni molekolari (PCR). | Żwiemel | — | $3,0 \times 10^{9}$ | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita ta' qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting.<br>2. Fil-forma miksija, għall-inklużjoni permezz ta' għalf pelleted biss.<br>3. Jekk il-prodott ikun ittrattat jew imħallat f'ambjent magħluq, għandhom jintużaw nuċċalijiet u maskri tas-sikurezza waqt it-taħlit, sakemm il-mixers ma jkunux mgħammra b'sistemi tal-exhaust. | 20.10.2019 |

([1]) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju Referenzjarju Komunitarju li ġej: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 911/2009

## tad-29 ta’ Settembru 2009

## dwar l-awtorizzazzjoni ta’ użu ġdid tal-preparazzjoni ta’ *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv fl-għalf għas-salmonidi u l-gambli (detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS)

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta’ addittivi għall-użu fin-nutriment tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta’ din l-awtorizzazzjoni.

(2) B’konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness ta’ dan ir-Regolament. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata bid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta’ użu ġdid tal-preparazzjoni ta’ *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv fl-għalf għas-salmonidi u l-gambli, li trid tiġi kklassifikata fil-kategorija ta’ addittivi “addittivi żootekniċi”.

(4) L-użu ta’ dik il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu ġie awtorizzat mingħajr limitu ta’ żmien mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2005 ([2]) għat-tiġieġ għat-tismin u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2036/2005 ([3]) għall-ħnieżer għat-tismin.

(5) Tressqet dejta ġdida bħala sostenn tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għas-salmonidi u l-gambli. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”) ikkonkludiet fl-opinjonijiet tagħha tal-1 ta’ April 2009 ([4]) li l-preparazzjoni ta’ *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent u li l-użu ta’ dik il-preparazzjoni jista’ jkollu effetti benefiċi, billi jżid l-għadd ta’ salmonidi konformi mal-istandards u jtejjeb is-sopravivenza u l-prestazzjoni tat-tkabbir fil-gambli. L-Awtorità ma tqisx li hemm ħtieġa ta’ rekwiżiti speċifiċi ta’ sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Din ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta’ analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta’ Referenza Komunitarju stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) L-evalwazzjoni ta’ dik il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġew sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta’ dik il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri stipulati f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta’ addittivi “addittivi żootekniċi” u mill-grupp funzjonali “addittivi żootekniċi oħra”, hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f’dan l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta’ Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

([2]) ĠU L 195, 27.7.2005, p. 6.

([3]) ĠU L 328, 15.12.2005, p. 13.

([4]) *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2009) 1038, p. 2 u 1037, p. 1.

*ANNESS*

| Numru ta' identifi-kazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: addittivi żootekniċi oħra (li jaffettwaw favorevolment it-tkabbir tal-annimali).** | | | | | | | | | |
| 4d1712 | Lallemand SAS | *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M | Kompożizzjoni tal-addittiv: Preparazzjoni ta' ċelloli vijabbli ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M li fiha minimu ta' $1 \times 10^{10}$ CFU/g addittiv<br>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Ċelloli vijabbli *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M<br>Metodu analitiku ([1]): Il-kwantifikazzjoni: metodu tat-tifrix bl-użu ta' agar MRS u 37 °C bħala temperatura ta' inkubazzjoni.<br>Identifikazzjoni: elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE). | Salmonidi | — | $3 \times 10^9$ | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita minn qabel, indika t-temperatura li fiha ssir il-ħażna, it-tul ta' żmien tal-ħażna u l-istabilità għall-pelleting.<br>2. Doża rakkomandata għas-Salmonidi $3 \times 10^9$ CFU/kg ta' għalf komplut.<br>3. Għal raġunijiet ta' sikurezza: għandha tintuża protezzjoni għar-respirazzjoni matul l-immaniġġjar. | *20 ta' Ottubru 2019* |
| | | | | Gambli | | $1 \times 10^9$ | | | |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju li ġej: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives

# DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI Nru 912/2009/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' Settembru 2009**

**dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp dwar il-metroloġija meħud b'impenn minn diversi Stati Membri**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 169 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 172, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimonstrazzjoni (2007-2013) ("is-Seba' Programm Kwadru") ([3]) tipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-programmi ta' riċerka u żvilupp ("R&D") meħuda b'impenn minn diversi Stati Membri, inkluża l-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi, fis-sens tal-Artikolu 169 tat-Trattat.

(2) Is-Seba' Programm Kwadru ddefinixxa serje ta' kriterji għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal inizjattivi bħal dawn skont l-Artikolu 169: ir-rilevanza għall-miri tal-Komunità, id-definizzjoni ċara tal-mira li għandha tiġi segwita u r-rilevanza tagħha għall-miri tal-Programm Kwadru, il-preżenza ta' bażi diġà eżistenti (programmi ta' riċerka nazzjonali eżistenti jew previsti), valur miżjud Ewropew, massa kritika fir-rigward tad-daqs u n-numru ta' programmi involuti u x-xebh tal-attivitajiet li jkopru, u l-effiċjenza tal-Artikolu 169 bħala l-aktar mezz adatt sabiex jinkisbu l-miri.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) ([4]) (il-programm speċifiku "Kooperazzjoni") tinkoraġġixxi approċċ li jħaddan diversi temi ta' suġġetti ta' riċerka rilevanti għal tema waħda jew aktar tas-Seba' Programm Kwadru, u f'dan il-kuntest identifikat inizjattiva skont l-Artikolu 169 fil-kamp tal-metroloġija bħala wieħed mill-inizjattivi adatti għall-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programmi ta' riċerka nazzjonali implimentati b'mod konġunt fuq il-bażi tal-Artikolu 169 tat-Trattat.

(4) Il-metroloġija hija qasam xjentifiku li jħaddan diversi dixxiplini li huwa komponent vitali ta' soċjetà moderna bbażata fuq l-għerf. Standards ta' kejl affidabbli u komparabbli, metodi validati xierqa ta' kejl u ttestjar isostnu l-proċessi tal-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni teknoloġika u għalhekk għandhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa.

(5) Fil-preżent, numru ta' programmi jew attivitajiet R&D meħuda b'impenn mill-Istati Membri b'mod individwali fuq livell nazzjonali biex isostnu l-R&D fil-metroloġija mhumiex ikkoordinati b'mod suffiċjenti fil-livell Ewropew u ma jippermettux li tinġabar il-massa kritika neċessarja li hija mitluba f'oqsma strateġiċi tal-R&D.

([1]) Opinjoni tal-25 ta' Marzu 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2009 (għada mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2009.
([3]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86.

(6) Xewqana li jkollhom approċċ koerenti fuq livell Ewropew fil-kamp tal-metroloġija u li jaġixxu b'mod effettiv, diversi Stati Membri ħadu l-inizjattiva li jwaqqfu programm konġunt ta' R&D bit-titlu "Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija" ("EMRP") sabiex jirrispondu għat-talba dejjem tiżdied fl-Ewropa għal metroloġija progressiva, b'mod partikolari f'oqsma teknoloġiċi emerġenti, bħala għodda għall-innovazzjoni, ir-riċerka xjentifika u appoġġ tal-linji politiċi.

(7) Fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2007-2008 għall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku "Kooperazzjoni", il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ finanzjarju għall-ERA-NET Plus fil-kamp tal-metroloġija sabiex tiffaċilita t-tranżizzjoni bejn il-proġett tal-ERA-NET "iMERA" u l-programm konġunt ta' R&D fil-qasam tal-metroloġija li għandu jiġi implimentat fuq il-bażi tal-Artikolu 169 tat-Trattat. Ir-riżultat kien l-iżvilupp tal-EMRP li ddefinixxa l-isfidi u l-attivitajiet prinċipali tal-programm konġunt.

(8) L-EMRP jfittex li jsostni l-iżvilupp u l-innovazzjoni xjentifika billi jipprovdi l-qafas legali u organizzattiv neċessarju għal kooperazzjoni Ewropea fuq skala kbira bejn l-Istati Membri dwar riċerka metroloġika fi kwalunkwe qasam teknoloġiku jew industrijali. Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit kif ukoll in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija ("l-Istati parteċipanti") qablu li jikkoordinaw u jimplimentaw attivitajiet konġunti mmirati sabiex jikkontribwixxu għall-EMRP. Il-valur globali tal-parteċipazzjoni tagħhom huwa stmat għal mill-anqas EUR 200 miljun flimkien ma' kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta' EUR 100 miljun għall-perjodu propost ta' seba' snin.

(9) Sabiex iżidu l-impatt tal-EMRP, l-Istati parteċipanti qablu ma' parteċipazzjoni Komunitarja fl-EMRP. Il-Komunità għandha tipparteċipa fih billi tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja li tikkorrispondi għal dik tal-Istati parteċipanti sa massimu ta' EUR 200 miljun għall-perjodu tal-EMRP. Minħabba li l-EMRP jilħaq il-miri speċifiċi tas-Seba' Programm Kwadru u li l-azzjonijiet fil-kamp tal-metroloġija huma ta' natura orizzontali u mhux marbuta direttament mal-għaxar temi, l-EMRP għandu jiġi appoġġat tul it-temi kollha rilevanti.

(10) Jistgħu jkunu disponibbli aktar opzjonijiet ta' finanzjament, fost l-oħrajn mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju li ġiet żviluppata b'mod konġunt mal-BEI u l-Kummissjoni skont l-Anness III tal-programm speċifiku "Kooperazzjoni".

(11) L-appoġġ finanzjarju mill-Komunità għandu jiġi pprovdut suġġett għad-definizzjoni ta' pjan ta' finanzjament ibbażat fuq impenji formali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jimplimentaw flimkien il-programmi u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa fuq livell nazzjonali u sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-eżekuzzjoni konġunta tal-EMRP.

(12) L-implimentazzjoni konġunta tal-programmi nazzjonali ta' riċerka teħtieġ l-istabbiliment jew l-eżistenza ta' struttura ddedikata għall-implimentazzjoni, kif ipprovdut fil-programm speċifiku "Kooperazzjoni". L-Istati parteċipanti qablu dwar struttura ta' implimentazzjoni ddedikata bħal din biex jimplimentaw l-EMRP. L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandha tirċievi l-kontribuzzjoni Komunitarja finanzjarja u għandha tassigura t-twettiq effiċjenti tal-EMRP.

(13) Il-kontribuzzjoni Komunitarja finanzjarja għandha tkun suġġetta għall-wegħdiet ta' riżorsi mill-Istati parteċipanti u l-ħlas effettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom.

(14) Filwaqt li ċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka huwa dipartiment tal-Kummissjoni, l-istituti tiegħu għandhom kapaċitajiet ta' riċerka li huma rilevanti għall-EMRP u għandhom jiġu attivati fl-implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk, huwa xieraq li l-irwol taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka jiġi ddefinit f'termini tal-eliġibilità tiegħu għall-parteċipazzjoni u għall-finanzjament u tal-involviment tiegħu fit-tmexxija tal-EMRP.

(15) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni Komunitarja finanzjarja għandu jkun suġġett għall-konklużjoni ta' ftehim ġenerali bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, li jinkludi l-arranġamenti dettaljati għall-użu tal-kontribuzzjoni Komunitarja. Dak il-ftehim ġenerali għandu jinkludi d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex ikun żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Komunità jiġu mħarsa.

(16) L-imgħax iġġenerat mill-kontribuzzjoni Komunitarja finanzjarja għandu jitqies bħala dħul assenjat, skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] ("ir-Regolament Finanzjarju"). Għandu jkun possibbli li l- Kummissjoni iżżid il-kontribuzzjoni Komunitarja massima prevista f'din id-Deċiżjoni skont il-każ.

(17) Il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tnaqqas, twaqqaf jew tittermina il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha jekk l-EMRP ma jiġix implimentat jew jiġi implimentat inadegwatament, parzjalment jew tard, jew jekk l-Istati parteċipanti ma jikkontribwux jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-EMRP, skont it-termini stabbiliti fi ftehim ġenerali li għandu jiġi konkluż bejn il-Komunità u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni.

(18) Sabiex l-EMRP jiġi implimentat b'mod effiċjenti, l-appoġġ finanzjarju għandu jingħata lil parteċipanti fil-proġetti tal-EMRP magħżula fil-livell ċentrali taħt ir-responsabbiltà tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni wara sejħiet għall-proposti. Tali appoġġ finanzjarju u l-ħlas tiegħu għandhom ikunu trasparenti u effiċjenti.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(19) L-evalwazzjoni tal-proposti għandha ssir b'mod ċentrali minn esperti indipendenti taħt ir-responsabilità tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni. Din l-istruttura għandha tapprova klassifikazzjoni li għandha tkun vinkolanti fir-rigward tal-allokazzjoni ta' finanzjament mill-kontribuzzjoni Komunitarja u mill-baġits nazzjonali allokati għal proġetti tal-EMRP.

(20) Skont ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) (ir-"Regoli Implimentattivi"), il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tiġi mmaniġġata fil-qafas ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta skont l-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 35, 38(2) u 41 tar-Regoli Implimentattivi.

(21) Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru għandu jkollu d-dritt li jissieħeb fl-EMRP.

(22) B'mod konformi mal-miri tas-Seba' Programm Kwadru, għandha tkun possibbli l-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż ieħor fl-EMRP, fejn tali parteċipazzjoni tkun prevista mill-ftehim internazzjonali rilevanti u kemm il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, kif ukoll l-Istati Membri parteċipanti jaqblu magħha. Skont is-Seba' Programm Kwadru, il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tiftiehem kundizzjonijiet marbuta mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha għall-EMRP rigward il-parteċipazzjoni fih ta' pajjiżi oħra bħal dawn skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(23) Għandhom jittieħdu miżuri adegwati sabiex jiġu evitati irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi neċessarji biex jiġu rkuprati l-fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati ħażin skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([2]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ([3]) u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([4]).

(24) Huwa essenzjali li l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa taħt l-EMRP jikkonformaw mal-prinċipji etiċi bażiċi, fosthom dawk riflessi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jsegwu l-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sessi u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

(25) Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni proviżorja, li tivvaluta l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-EMRP u l-progress lejn il-miri stabbiliti, kif ukoll evalwazzjoni finali.

(26) L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandha tinkoraġġixxi lill-parteċipanti fil-proġetti magħżula tal-EMRP sabiex jikkomunikaw u jiddiseminaw r-riżultati tagħhom u jagħmlu din l-informazzjoni pubblikament disponibbli,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja**

1. Il-Komunità għandha tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-"Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija" ("EMRP") meġud b'impenn b'mod konġunt mill-Belġju, mir-Repubblika Ċeka, mid-Danimarka, mil-Ġermanja, mill-Estonja, minn Spanja, minn Franza, mill-Italja, mill-Ungerija, mill-Olanda, mill-Awstrija, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija, mis-Slovenja, mis-Slovakkja, mill-Finlandja, mill-Iżvezja u mir-Renju Unit kif ukoll min-Norveġja, mill-Iżvizzera u mit-Turkija ("l-Istati parteċipanti").

2. Il-Komunità għandha tul il-perjodu tas-Seba' Programm Kwadru, u skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness I u Anness II li jiffurmaw parti integrali minn din id-Deċiżjoni, tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja daqs dik tal-Istati parteċipanti iżda li ma teċċedix l-EUR 200 miljun li għandha tithallas mill-approprjazzjonijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-kontribuzzjoni Komunitarja finanzjarja għandha tithallas b'mod konġunt mill-approprjazzjonijiet tal-baġit allokati għattemi kollha rilevanti tal-programm speċifiku "Kooperazzjoni".

*Artikolu 2*

**Kundizzjonijiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja**

Il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għandha tkun dipendenti fuq:

(a) it-turija mill-Istati parteċipanti li l-EMRP kif deskritt fl-Anness I ġie stabbilit b'mod effiċjenti;

(b) l-istabbiliment formali ta' struttura ddedikata għall-implimentazzjoni b'personalità ġuridika li għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EMRP u biex tirċievi, talloka u timmonitorja l-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja fil-qafas ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta skont l-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 35, 38(2) u 41 tar-Regoli Implimentattivi;

(c) l-istabbiliment ta' mudell adegwat u effiċjenti ta' tmexxija għall-EMRP f'konformità mal-Anness II;

([1]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
([3]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
([4]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

(d) it-twettiq effiċjenti tal-attivitajiet taħt l-EMRP deskritti fl-Anness I mill-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, li jinkludi t-tnedija ta' sejhiet għall-proposti;

(e) l-impenjazzjoni ta' kull Stat parteċipanti li jikkontribwixxi l-parti tiegħu tal-finanzjament tal-EMRP, u biex iżid din il-kontribuzzjoni b'kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta' 50 % sabiex ilaħħaq ma' rata ta' suċċess għolja tal-parteċipanti tiegħu fil-proġetti tal-EMRP, u l-ħlas effettiv tal-kontribuzzjoni finanzjarja lill-benefiċjarji;

(f) il-konformità mar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat, u b'mod partikolari l-Qafas Komunitarju għall-Għajnuna Statali għar-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni [1];

(g) l-iżgurar ta' livell għoli ta' eċċellenza xjentifika u osservanza tal-prinċipji etiċi skont il-prinċipji ġenerali tas-Seba' Programm Kwadru, u tal-integrazzjoni tas-sessi u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u tal-iżvilupp sostenibbli;

(h) il-formulazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attivitajiet imwettqa taħt l-EMRP u l-implimentazzjoni u l-koordinament tal-programmi u l-attivitajiet R&D meħuda b'impenn fil-livell nazzjonali mill-Istati parteċipanti b'tali mod li huma jfittxu li jippromwovu l-ħolqien ta' dan it-tip ta' għerf u jappoġġaw l-użu wiesa' u d-disseminazzjoni tal-għerf li jinħoloq. L-approċċ meħud għandu jsegwi l-mudell stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) [2] (ir-"Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru").

*Artikolu 3*

**Attivitajiet tal-EMRP**

1. L-attività prinċipali tal-EMRP għandha tikkonsisti fil-finanzjament ta' proġetti EMRP transnazzjonali b'diversi msieħba li jindirizzaw attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, taħriġ u disseminazzjoni ("proġetti EMRP"). Minħabba l-kapaċitajiet ikkonċentrati fil-metroloġija, il-parti prinċipali tal-proġetti EMRP għandha tiġi eżegwita mill-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija u l-Istituti Nominati (jiġifieri, istituti speċjalisti responsabbli għal ċerti standards nazzjonali u servizzi assoċjati li mhumiex koperti mill-attivitajiet tal-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija) mill-Istati parteċipanti.

2. Sabiex iżid u jiddiversifika l-kapaċitajiet fil-metroloġija, l-EMRP għandu jiffinanzja wkoll diversi skemi ta' għotjiet għar-riċerkaturi sabiex jikkumplimentaw l-proġetti EMRP.

3. Il-proġetti EMRP għandhom jintgħażlu u l-għotjiet għar-riċerkaturi għandhom jingħataw wara sejhiet għall-proposti li jirrispettaw il-prinċipji tat-trattament ugwali, tat-trasparenza, tal-evalwazzjoni indipendenti, tal-kofinanzjament, tal-finanzjament li ma jwassalx għal profitt kif ukoll tan-nuqqas ta' retroattività imsemmija fl-Artikolu 112(1) tar-Regolament Finanzjarju, kif stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

4. Il-kriterji prinċipali tal-evalwazzjoni għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu dawk tal-Artikolu 15(1) (a) u (b) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru għall-proġetti EMRP u l-iskemi ta' għotjiet għar-riċerkaturi, rispettivament. Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni. Jistgħu jiddaħħlu kriterji addizzjonali bil-kundizzjoni li dawn jiġu ppubblikati fis-sejħa għall-proposti, ma jkunux diskriminatorji u ma jipprevalux fuq il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni.

5. Dettalji ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EMRP huma stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 4*

**Rwol taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka**

1. Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni għandu jkun eliġibbli għal parteċipazzjoni fi, u għal finanzjament, mill-EMRP taħt kundizzjonijiet komparabbli għal dawk tal-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija tal-Istati parteċipanti.

2. Ir-riżorsi personali taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka, li mhumiex koperti mill-finanzjament EMRP, ma għandhomx jgħoddu bħala kontribuzzjoni Komunitarja finanzjarja fl-ambitu tal-Artikolu 1.

3. L-istitut taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka li huwa responsabbli għall-metroloġija, bħala dipartiment tal-Kummissjoni li jaġixxi f'isem il-Komunità, għandu jkun intitolat jipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-EMRP fi ħdan l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, bħala osservatur mingħajr dritt tal-vot.

*Artikolu 5*

**Ftehimiet bejn il-Komunità u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni**

L-arranġamenti dettaljati għall-ġestjoni u kontroll tal-fondi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ġenerali u fi ftehimiet finanzjarji annwali li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni.

Il-ftehim ġenerali għandu jinkludi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(1) definizzjoni tal-kompiti assenjati;

(2) il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti dettaljati għall-eżekuzzjoni tal-kompiti, fosthom dispożizzjonijiet xierqa biex jiġu definiti r-responsabilitajiet u jiġu organizzati l-kontrolli li għandhom jitwettqu;

(3) ir-regoli dwar ir-rappurtar lill-Kummissjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-kompiti;

(4) il-kundizzjonijiet dwar it-terminazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-kompiti;

(5) l-arranġamenti dettaljati għall-iskrutinju mill-Kummissjoni;

---

[1] ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.

(6) il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu ta' kontijiet bankarji separati, it-trattament tal-imgħaxijiet prodotti;

(7) id-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-viżibilità tal-azzjoni Komunitarja f'relazzjoni mal-attivitajiet l-oħra tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni;

(8) impenn li ma jitwettaq l-ebda att li jista' jwassal għal kunflitt tal-interessi fis-sens tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Finanzjarju;

(9) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attivitajiet imwettqa taħt l-EMRP imsemmija fl-Artikolu 2;

(10) lista ta' kriterji li għandhom jintużaw fl-evalwazzjonijiet interim u finali, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 13.

*Artikolu 6*

**Imgħaxijiet mill-kontribuzzjoni Komunitarja**

Skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-imgħax iġġenerat mill-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja allokata għall-EMRP għandu jitqies bħala dħul assenjat. Il-kontribuzzjoni massima Komunitarja imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din id-Deċiżjoni tista' għalhekk tiżdied mill-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

**Tnaqqis, twaqqif jew terminazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità**

Jekk l-EMRP ma jiġix implimentat jew jiġi implimentat inadegwatament, parzjalment jew tard, il-Komunità tista' tnaqqas, twaqqaf jew tittermina il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha b'mod proporzjonali mal-implimentazzjoni attwali tal-EMRP.

Jekk l-Istati parteċipanti ma jikkontribwux jew jikkontribwixxu biss parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-EMRP, il-Komunità tista' tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha b'mod proporzjonali mal-ammont attwali ta' finanzjament pubbliku allokat mill-Istati parteċipanti bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ġenerali li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni.

*Artikolu 8*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità mill-Istati parteċipanti**

Fl-implimentazzjoni tal-EMRP, l-Istati parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi, regolatorji, amministrattivi jew oħrajn meħtieġa sabiex jiġi protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità. B'mod partikolari, l-Istati parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammont dovut lill-Komunità skont l-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 38(2) tar-Regoli Implimentattivi.

*Artikolu 9*

**Kontroll mill-Qorti tal-Awdituri**

Il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri ikollhom id-dritt, permezz tal-uffiċjali jew l-aġenti tagħhom, li jwettqu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżguraw ġestjoni tajba tal-fondi tal-Komunità u jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità. Għal dan il-għan, l-Istati parteċipanti u/jew l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandhom, aktar tard, ipoġġu d-dokumenti kollha rilevanti għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Awdituri.

*Artikolu 10*

**Informazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri. L-Istati parteċipanti għandhom jiġu mistiedna jippreżentaw lill-Kummissjoni, permezz tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, li tkun konsistenti mar-rekwiżiti ġenerali tar-rappurtaġġ stabbiliti fl-Artikolu 13.

*Artikolu 11*

**Parteċipazzjoni ta' aktar Stati Membri u pajjiżi assoċjati**

Kwalunkwe Stat Membru u pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru għandu jkun intitolat li jissieħeb fl-EMRP skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(e) u (f) u għandu jiġi ttrattat bħala Stat parteċipant.

*Artikolu 12*

**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi oħra**

L-Istati parteċipanti u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu mal-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż ieħor soġġetta għall-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(e) u sakemm parteċipazzjoni bħal din tkun prevista mill-ftehim internazzjonali rilevanti. Huma għandhom jiddefinixxu l-kundizzjonijiet skont liema l-entitajiet legali stabbiliti u l-individwi residenti f'tali pajjiż ikunu eliġibbli għal finanzjament tal-EMRP.

*Artikolu 13*

**Rappurtaġġ u evalwazzjoni annwali**

Ir-rapport annwali dwar is-Seba' Programm Kwadru ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 173 tat-Trattat għandu jinkludi rapport tal-attivitajiet tal-EMRP.

Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni proviżorja tal-EMRP tliet snin wara l-bidu tal-EMRP. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-progress lejn il-miri stabbiliti fl-Anness I, kif ukoll rakkomandazzjonijiet tal-EMRP dwar l-aktar modi adegwati sabiex tkompli tittejjeb l-integrazzjoni u l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni, inkluża l-integrazzjoni xjentifika, amministrattiva u finanzjarja u jekk il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati parteċipanti huwiex adatt, fid-dawl tad-domanda potenzjali mid-diversi komunitajiet ta' riċerka nazzjonali tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tagħhom, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha u, fejn ikun xieraq, proposti biex tiġi emendata din id-deċiżjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Fit-tmiem ta' din il-parteċipazzjoni Komunitarja fl-EMRP iżda mhux aktar tard mill-2017, il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' grupp espert indipendenti, għandha twettaq valutazzjoni finali tal-objettivi ġenerali, speċifiċi u operattivi tal-EMRP.

Dan il-grupp għandu jibbaża l-valutazzjoni tiegħu fuq, inter alia, l-indikaturi li ġejjin:

(a) l-eċċellenza xjentifika tal-proġetti u l-għotjiet kif imkejla minn għadd ta' pubblikazzjonijiet, privattivi u indikaturi oħra ta' rendiment xjentifiku;

(b) il-livell ta' parteċipazzjoni fil-programm minn riċerkaturi esterni u istituzzjonijiet ta' riċerka;

(c) iż-żieda fil-kapaċità metroloġika tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas li l-programmi ta' metroloġija tiegħu huma fi stadju bikri ta' żvilupp;

(d) l-għadd u l-kwalità tal-attivitajiet ta' taħriġ;

(e) l-għadd u l-kwalità tal-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjoni u d-diffużjoni tal-metroloġija.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni finali għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 15*

**Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, is-16 ta' Settembru 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | C. MALMSTRÖM |

*ANNESS I*

**Deskrizzjoni tal-Miri u l-Attivitajiet tal-Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP)**

I. GĦANIJIET

Fl-ekonomija globali tal-lum, il-metroloġija tagħmel kontribut sinifikanti għall-iżvilupp teknoloġiku u ekonomiku ta' bosta nazzjonijiet fid-dinja. Ir-riċerka dwar il-metroloġija hija meħtieġa sabiex issolvi problemi tas-soċjetà, u eżempji jaffettwaw oqsma bħall-ispazju, inkluża n-navigazzjoni bis-satellita, is-sigurtà, il-kura tas-saħħa, l-industrija tas-semikondutturi u t-tibdil fil-klima. Ir-riċerka dwar il-metroloġija toffri benfiċċji pubbliċi qawwija u hija attività prinċipali ta' sostenn għar-regolazzjoni u l-istandardizzazzjoni mill-gvern. Il-metroloġija mhijiex f'għajnejn il-pubbliku, imma hija essenzjali biex ikunu ffaċilitati l-kummerċ u l-komunikazzjonijiet moderni. L-aċċess għas-swieq jista' jkun imxekkel permezz tan-nuqqas ta' piżijiet u miżuri uniformi u preċiżi. Il-qawwiet ekonomiċi prinċipali kollha fid-dinja għarfu li l-R&D teknoloġika fil-metroloġija hija fundamentali għat-tkabbir ekonomiku fit-tul ta' pajjiż avvanzat.

Ir-riċerka dwar il-metroloġija tradizzjonalment kienet prijorità għolja f'bosta pajjiżi. Madankollu l-pajjiżi Ewropej qegħdin iħaddmu l-programmi ta' riċerka nazzjonali tagħhom dwar il-metroloġija f'iżolament sħiħ u l-Istati Membri tal-UE ma kinux kapaċi joħolqu waħedhom Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP) wieħed u tassew integrat. L-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI), appoġġati minn Istituti Nominati (DI) huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka nazzjonali dwar il-metroloġija fuq il-bażi ta' finanzjament istituzzjonali minn aġenziji jew ministeri tal-gvern ċentrali. Il-komunità Ewropea tar-riċerka dwar il-metroloġija hija komunità speċjalizzata li hija marbuta biss b'mod laxk mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-akkademja. Hija fil-biċċa l-kbira frammentata billi tinkludi ftit ċentri ta' eċċellenza globali li jistgħu jibbenefikaw minn kompetizzjoni wiesgħa fuq skala internazzjonali. Teżisti b'mod ċar duplikazzjoni tar-riċerka.

Id-dritt Komunitarju li jopera f'dan il-qasam jidher f'diversi artikoli tat-Trattat li jipprovdu koordinazzjoni u kooperazzjoni fir-riċerka bejn l-Istati Membri u l-Komunità. L-Artikolu 165 jistabbilixxi li "il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku sabiex jiżguraw li kull politika nazzjonali u dik tal-Komunità ikunu koerenti ma' xulxin". Naturalment, l-Artikolu 169 jistieden lill-Komunità biex taħseb għall-parteċipazzjoni fil-programmi ta' R&D li fihom jieħdu sehem diversi Stati Membri. L-azzjoni tal-Komunità tidher iġġustifikata ħafna, għaliex l-Istati Membri weħidhom x'aktarx li ma jkunux kapaċi jindirizzaw dawn il-problemi.

L-EMRP se jintegra l-programmi nazzjonali ta' tnejn u għoxrin Stat parteċipanti fi programm wieħed konġunt ta' riċerka u jsostni, b'mod partikolari, il-miri tas-Sistemi Nazzjonali Ewropej tal-Kejl. L-EMRP se jaċċellera l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-isfruttament ta' metodi, standards, proċessi, strumenti, materjali ta' referenza u għerf ġdid dwar it-tkejjil immirati sabiex jagħtu spinta lill-iżviluppi innovattivi fl-industrija u l-kummerċ, itejbu l-kwalità tad-dejta għax-xjenza, l-industrija u t-tiswir tal-politika u jsostnu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-direttivi u r-regolamenti.

L-EMRP ser jilħaq dawn il-miri kif ġej:

(a) ġmigħ tal-eċċellenza fir-riċerka dwar il-metroloġija - bil-ħolqien ta' proġetti kompetittivi konġunti ta' riċerka, jiġifieri proġetti EMRP, li jorganizzaw il-kapaċità ta' massa kritika suffiċjenti min-netwerks tan-NMI u tad-DI mill-Istati parteċipanti biex jindirizzaw l-isfidi metroloġiċi prinċipali ffaċċjati fuq livell Ewropew;

(b) ftuħ tas-sistema għall-aħjar xjenza - billi tiżdied il-parteċipazzjoni mill-komunità aktar wiesgħa tar-riċerkaturi Ewropej permezz ta' għotjiet għar-riċerkaturi;

(c) żvilupp tal-kapaċità - billi tiżdied il-kapaċità tal-komunità tar-riċerkaturi Ewropej dwar il-metroloġija permezz ta' għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi mmirati lejn dawk il-Pajjiżi Membri tal-EURAMET b'kapaċità ta' riċerka metroloġika limitata.

L-EMRP għandu jikkumplimenta programmi u attivitajiet nazzjonali li għaddejjin immirati sabiex jindirizzaw prijoritajiet purament nazzjonali.

L-inizjattiva tal-EMRP hija mmirata sabiex tallinja u tintegra attivitajiet nazzjonali rilevanti ta' riċerka dwar il-metroloġija sabiex jiġi stabbilit programm konġunt wieħed ta' riċerka li jinkludi l-integrazzjoni xjentifika, amministrattiva u finanzjarja, li jagħmel kontribut importanti għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka u jsostni l-kunċetti fl-aġenda ta' Liżbona tal-Ewropa bħala "l-iżjed ekonomija kompetittiva u dinamika msejsa fuq l-għerf". L-integrazzjoni xjentifika tinkiseb permezz tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni komuni ta' attivitajiet taħt l-EMRP. L-integrazzjoni amministrattiva tinkiseb bl-użu tal-EURAMET e.V., assoċjazzjoni mhux bi skop ta' qligħ taħt il-liġi Ġermaniża, bħala l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni suġġetta għall-arranġamenti dettaljati kontenuti fl-Anness II.

L-integrazzjoni finanzjarja timplika li l-Istati parteċipanti effettivament jintrabtu li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-EMRP billi jipprovdu finanzjament nazzjonali lill-parteċipanti kollha eliġibbli fil-proġetti magħżula tal-EMRP mill-baġits nazzjonali allokati għall-EMRP, jekk ikun meħtieġ jużaw il-kapaċità tal-finanzjament ta' riżerva li jammonta għal 50 % ta' dawn il-baġits, u billi jipprovdu kontribuzzjoni "fi flus" għal fond komuni biex jiffinanzja l-eċċellenza tar-riċerkaturi u l-għotjiet għall-mobilità, minbarra li jiffinanzjaw l-ispejjeż operattivi kollha tal-EMRP. Element ieħor tal-integrazzjoni finanzjarja se jkun l-approċċ unifikat lejn l-ispejjeż eliġibbli, ispirat mir-regoli tas-Seba' Programm Kwadru.

## II. ATTIVITAJIET

L-attività prinċipali tal-EMRP se tkun tikkonsisti minn erba' tipi ta' attivitajiet konġunti ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku:

A. L-attività prinċipali se tkun tikkonsisti fi proġetti EMRP transnazzjonali b'diversi msieħba li jindirizzaw attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, taħriġ u disseminazzjoni. Minħabba l-kapaċitajiet ikkonċentrati fil-metroloġija, il-parti ċentrali tal-proġetti EMRP għandha tiġi eżegwita minn NMI u DI mill-Istati parteċipanti.

B. Sabiex jiżdiedu u jiġu ddiversifikati l-kapaċitajiet fil-metroloġija, għandhom jiġu stabbiliti tliet skemi ta' għotjiet:

B1. Sabiex jiżdied in-numru tal-organizzazzjonijiet b'kapaċitajiet marbuta mill-qrib mal-metroloġija, għandhom ikunu disponibbli għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi għal organizzazzjonijiet u/jew individwi mill-komunità aktar wiesgħa ta' riċerkaturi fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru li huma kapaċi jagħmlu kontribut sostanzjali għall-attivitajiet ta' riċerka tal-programm konġunt. Kull organizzazzjoni u/jew individwu magħżula għandhom ikunu assoċjati ma' proġett EMRP.

B2. Sabiex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tal-individwi fil-metroloġija permezz tal-mobilità, għandhom ikunu disponibbli għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi għal:

(1) riċerkaturi minn NMI u DI tal-Istati parteċipanti,

(2) riċerkaturi li jibbenefikaw, jew individwalment jew permezz tal-organizzazzjoni tagħhom, minn għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi, u

(3) riċerkaturi minn Pajjiżi Membri tal-EURAMET li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-EMRP, li attwalment ma jkollhom l-ebda kapaċità ta' riċerka dwar il-metroloġija jew kapaċità limitata.

Dawn l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi għandhom jippermettu lir-riċerkaturi jibqgħu f'NMI jew DI li jkun qiegħed jipparteċipa fi proġett EMRP jew f'organizzazzjoni li tibbenefika minn għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi.

B3. Sabiex tiġi assigurata s-sostenibbiltà fil-kooperazzjoni bejn in-NMI u d-DI tal-Istati parteċipanti u sabiex titħejja l-ġenerazzjoni li jmiss ta' riċerkaturi bl-esperjenza dwar il-metroloġija, għandu jkun hemm disponibbli għotjiet għall-mobilità ta' riċerkaturi fil-fażi bikrija għal riċerkaturi fil-fażi bikrija min-NMI u d-DI tal-Istati parteċipanti sabiex jippermettulhom li jibqgħu f'NMI jew f'DI, f'organizzazzjoni li tibbenefika minn għotja għall-eċċellenza fir-riċerka jew f'organizzazzjoni oħra li tkun qiegħda tipparteċipa fi proġett ta' riċerka EMRP bi spejjeż tagħha stess.

Dawn l-attivitajiet għandhom jittejbu, fejn ikun xieraq, permezz ta' kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra rilevanti u interessati, fl-Ewropa jew lil hinn, li jipparteċipaw fuq bażi ta' awtofinanzjament.

Barra minn hekk, attivitajiet aktar wiesgħa ta' networking għandhom jiġu sostnuti sa livell limitat sabiex jippromwovu l-EMRP u jkabbru l-impatt tiegħu. Dawn l-attivitajiet għandhom jinkludu, jekk ikun meħtieġ, iż-żamma u aġġornament tal-oqsma ta' riċerka identifikati fl-EMRP permezz ta' attivitajiet bħal workshops, kuntatti ma' partijiet interessati oħra xierqa fl-Ewropa u lil hinn.

## III. IMPLIMENTAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

L-għażla tal-proġetti EMRP u l-għoti tal-għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u għall-mobilità tar-riċerkaturi għandhom ikunu suġġetti għal sejħiet perjodiċi għall-proposti. Bħala kalendarju indikattiv, huwa previst li jitnedew sejħiet għall-proposti f'intervalli ta' 12 sa 18-il xahar fuq perjodu massimu ta' seba' snin. L-għoti tal-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija għandu jkun suġġett għal sejħa permanenti.

A. *Proġetti EMRP*

(a) Sejħa għal suġġetti potenzjali ta' riċerka tal-proġetti EMRP (Stadju 1):

Kull sejħa għall-proposti ta' proġetti EMRP għandha tkun preċeduta mill-identifikazzjoni tas-suġġetti ta' dik is-sejħa billi jiġu segwiti l-passi stabbiliti hawn isfel. L-ewwel nett, il-Kumitat tal-EMRP (Ara Anness II), f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jidentifika l-partijiet tal-attitivitajiet ta' riċerka inklużi fil-EMRP li għandhom ikunu s-suġġett tas-sejħa għall-proposti. It-tieni, il-komunità tar-riċerkaturi – kwalunkwe individwu jew organizzazzjoni interessata – se jiġu mistiedna, permezz ta' sejħa pubblika, biex jissuġġerixxu suġġetti potenzjali ta' riċerka għal dik is-sejħa. It-tielet, il-Kumitat tal-EMRP għandu jaqbel fuq l-aħjar suġġetti potenzjali ta' riċerka li jkun irċieva. Il-Kumitat tal-EMRP jista' jemenda, jaqsam jew jgħaqqad is-suġġetti riċevuti jew jintroduċi oħrajn ġodda sabiex jottimizza s-sejħa għall-proposti fl-Istadju 2. Il-Kumitat tal-EMRP għandu jassigura li s-suġġetti finali tar-riċerka ma jkunux jistgħu jiġu intraċċati lura għall-proponenti inizjali ta' dawn l-ideat u għaldaqstant ikunu anonimi.

(b) Sejħa għall-proposti għal proġetti EMRP (Stadju 2):

Ladarba jkunu ntgħażlu s-suġġetti tar-riċerka, EURAMET e.V. għandha tippubblika s-sejħa għall-proposti u tistieden timijiet tar-riċerka minn NMI u DI tal-Istati parteċipanti sabiex jibnu konsorzji u jissottomettu proposti għall-proġetti.

Is-sejħa għall-proposti għandha tibqa' miftuħa għal mill-anqas xahrejn.

EURAMET e.V. għandha tevalwa kull proposta li tirċievi bil-għajnuna ta' mill-anqas tliet esperti indipendenti maħtura minnha fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru. L-esperti għandhom jistabbilixxu lista ta' klassifikazzjoni li għandha tkun vinkolanti għall-allokazzjoni tal-finanzjament Komunitarju u tal-finanzjament nazzjonali.

Il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni li ġejjin għandhom japplikaw għall-proġetti EMRP:

(i) l-eċċellenza xjentifika u/jew teknoloġika;

(ii) ir-rilevanza għall-għanijiet tal-EMRP;

(iii) l-impatt potenzjali permezz tal-iżvilupp, id-disseminazzjoni u l-użu tar-riżultati tal-proġett;

(iv) il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni.

Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni. Jistgħu jiddaħħlu kriterji addizzjonali bil-kundizzjoni li dawn jiġu ppubblikati fis-sejħa għall-proposti, ma jkunux diskriminatorji u ma jipprevalux fuq il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni.

Kwalunkwe konsorzju li jissottometti proposta għal proġett EMRP jista' jinkludi kwalunkwe entità oħra Ewropea jew mhux Ewropea li ma tkunx eliġibbli għal finanzjament bil-kundizzjoni li din l-entità tkun tista' realistikament tassigura li għandha r-riżorsi meħtieġa għall-parteċipazzjoni tagħha.

Konsorzju li jissottometti proposta għal proġett EMRP jista' jinkludi diġà f'dan l-istadju fil-proposta tiegħu, proposta għal għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi bil-kundizzjoni li din iżżid valur xjentifiku neċessarju għall-proġett. F'dan il-każ, l-evalwazzjoni tal-proposta għall-għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi għandha tkun parti mill-evalwazzjoni globali tal-proġett. L-għażla tal-proġett għall-finanzjament għandha awtomatikament tfisser il-ħruġ ta' tali għotja.

Il-Kunsill għar-Riċerka ta' EURAMET e.V., imsemmi fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, għandu jagħti l-opinjoni indipendenti tiegħu dwar ir-riżultati globali tal-evalwazzjoni ta' sejħa għall-proposti għal proġetti EMRP (Stadji 1 u 2), iżda mhux fuq proġetti EMRP individwali. Din l-opinjoni għandha tiġi kkunsidrata kif dovut minn EURAMET e.V. fis-sejħiet suċċessivi għall-proposti.

B. *Sejħa għall-proposti għal għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi (Stadju 3)*:

Il-pubblikazzjoni tal-lista tal-proposti magħżula ta' proġetti EMRP għandha tkun akkumpanjata minn sejħa lill-komunità aktar wiesgħa tar-riċerkaturi sabiex jissieħbu fi proġetti EMRP permezz tal-għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u/jew l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi.

Kull konsorzju għal proġett EMRP se jkun mistieden (sakemm ma jkunx diġà daħħal proposta dwar għotjiet għar-riċerkaturi u għall-eċċellenza meta ssottometta proposta għal proġett EMRP kif deskritt fis-seba' paragrafu tas-sezzjoni A.b)) sabiex iniedi, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tal-kuntratt tal-proġett EMRP, sejħa għall-proposti biex jiġu identifikati benefiċjarji potenzjali u jkunu proposti lill-EURAMET e.V. sabiex jingħataw għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi ***u***/jew għall-mobilità tar-riċerkaturi. It-tqassim indikattiv tal-finanzjament tal-EMRP għandu jiġi kkalkulat sabiex bħala medja kull proġett EMRP jista' jkun assoċjat ma' tal-anqas għotja waħda għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u/jew għall-mobilità tar-riċerkaturi. Madankollu, dan mhuwiex obbligu vinkolanti u dawn it-tip ta' għotjiet jistgħu jiġu implimentati bl-aktar mod flessibbli.

Il-konsorzju għall-proġett EMRP għandu jippubblika s-sejħa għall-proposti f'mill-anqas ġurnal internazzjonali wieħed u fi tliet gazzetti nazzjonali differenti fi tliet Stati parteċipanti differenti. Huwa għandu jkun responsabbli wkoll biex jirreklama s-sejħa b'mod estensiv billi juża appoġġ speċifiku għall-informazzjoni, b'mod partikolari siti fuq l-Internet dwar is-Seba' Programm Kwadru, l-istampa u l-fuljetti speċjalizzati u permezz tal-punti nazzjonali ta' kuntatt stabbiliti mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni u r-reklamar tas-sejħa għall-proposti għandha tkun konformi ma' kull struzzjoni u nota ta' gwida stabbiliti mill-EURAMET e.V.. Il-konsorzju għandu jgħarraf lill-EURAMET e.V. bis-sejħa u lkontenut tagħha tal-anqas 30 jum qabel id-data prevista tal-pubblikazzjoni tagħha. EURAMET e.V. għandha teżamina l-konformità tas-sejħa mar-regoli, l-istruzzjonijiet u n-noti ta' gwida rilevanti.

Is-sejħa għall-proposti għandha tibqa' miftuħa għal mill-anqas ħames ġimgħat.

Il-konsorzju għall-proġett EMRP għandu jevalwa l-proposti riċevuti bil-għajnuna ta' mill-anqas żewġ esperti indipendenti maħtura minnu fuq il-bażi tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fs-Seba' Programm Kwadru.

Il-kriterji bażiċi segwenti ta' valutazzjoni għandhom japplikaw għall-evalwazzjoni tal-proposti:

(i) l-eċċellenza xjentifika u/jew teknoloġika;

(ii) ir-rilevanza għall-għanijiet tal-proġett EMRP;

(iii) il-kwalità u l-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-applikant u l-potenzjal tiegħu/tagħha għal aktar progress;

(iv) il-kwalità tal-attività proposta fit-taħriġ xjentifiku u/jew it-trasferiment tal-għerf.

Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni. Jistgħu jiddaħħlu kriterji addizzjonali bil-kundizzjoni li dawn jiġu ppubblikati fis-sejħa għall-proposti, ma jkunux diskriminatorji u ma jipprevalux fuq il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni.

Il-konsorzju għall-proġett EMRP għandu jipproponi lil EURAMET e.V. sabiex tagħti l-għotja lil benefiċjarju u jirrapporta lilha dwar kif saret is-sejħa għall-proposti, inklużi l-mod tal-pubblikazzjoni u l-ismijiet u l-affiljazzjoni tal-esperti involuti fl-evalwazzjoni. Fi żmien 45 ġurnata minn meta tirċievi din il-proposta, EURAMET e.V. għandha jew toħroġ l-għotja jew tirrifjutaha jekk l-għażla ma tkunx konformi mar-regoli, l-istruzzjonijiet u n-noti ta' gwida rilevanti.

EURAMET e.V. għandha tistieden lill-pajjiżi Ewropej li ma għandhom ebda kapaċità jew kapaċitajiet limitati biss fir-riċerka dwar il-metroloġija sabiex iħeġġu lill-istituti tar-riċerka jew l-universitajiet tagħhom biex japplikaw għal għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi bħala mezz sabiex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom fir-riċerka dwar il-metroloġija.

C. *Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija*

EURAMET e.V. għandha tniedi sejħa għall-offerti miftuħa b'mod permanenti għal għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija u tippubblikaha f'mill-anqas ġurnal internazzjonali wieħed u fi tliet gazzetti nazzjonali differenti fi tliet Stati parteċipanti differenti. Hija għandha tkun responsabbli wkoll biex tirreklama s-sejħa għall-proposti billi tuża appoġġ speċifiku għall-informazzjoni, speċjalment siti fuq l-Internet dwar is-Seba' Programm Kwadru, l-istampa u fuljetti speċjalizzati u permezz tal-punti nazzjonali ta' kuntatt stabbiliti mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru.

Il-proposti għandhom jiġu sottomessi mir-riċerkatur u mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jirċievu (NMI, DI jew organizzazzjoni oħra li tipparteċipa fi proġett EMRP). It-tqassim indikattiv tal-finanzjament huwa kkalkulat sabiex bħala medja kull proġett EMRP ikun jista' jiġi assoċjat ma' tal-anqas għotja waħda għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija. Madankollu, dan mhuwiex obbligu vinkolanti u dawn it-tip ta' għotjiet jistgħu jiġu implimentati bl-aktar mod flessibbli. EURAMET e.V. għandha tevalwa l-proposti li tirċievi.

Għandhom japplikaw il-kriterji bażiċi segwenti ta' valutazzjoni:

(i) l-eċċellenza xjentifika u/jew teknoloġika;

(ii) ir-rilevanza għall-għanijiet tal-proġett EMRP;

(iii) il-kwalità u l-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-applikant u l-potenzjal tiegħu/tagħha għal aktar progress;

(iv) il-kwalità tal-attività proposta fit-taħriġ xjentifiku u/jew it-trasferiment tal-għerf.

Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni. Jistgħu jiddaħħlu kriterji addizzjonali bil-kundizzjoni li dawn jiġu ppubblikati fis-sejħa għall-proposti, ma jkunux diskriminatorji u ma jipprevalux fuq il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni.

EURAMET e.V. għandha timmira għal żewġ dati ta' għeluq fis-sena meta toħroġ dawn l-għotjiet bi proċedura ssimplifikata bbażata fuq l-opinjoni ta' mill-anqas żewġ esperti indipendenti għal kull proposta li jkunu ddiskutew u kklassifikaw li proposti kollha.

D. *Tabella ta' Rikapitulazzjoni*

| Tipi ta' finanzjament | Organizzazzjonijiet Eliġibbli [1] | Pajjiżi Eliġibbli | Kriterji ta' Valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| A. Proġett EMRP (konsorzju) | NMI u DI | L-Istati li qegħdin jipparteċipaw fl-EMRP | Artikolu 15(1)(a) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru |
| B1. Għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi | Minn:<br>(1) Kwalunkwe organizzazzjoni ħlief NMI jew DI<br>(2) riċerkatur individwali<br><br>Lil:<br>proġett ta' EMRP f'NMI jew f'DI | L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru | Artikolu 15(1)(b) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru |
| B2. Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi | Minn:<br>(1) NMI u DI<br>(2) organizzazzjoni li tibbenefika minn għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi<br>(3) riċerkaturi minn Pajjiżi Membri tal-EURAMET li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-EMRP, li attwalment ma jkollhom l-ebda kapaċità ta' riċerka dwar il-metroloġija jew kapaċità limitata<br><br>Lil:<br>(1) NMI u DI<br>(2) organizzazzjoni li tibbenefika minn għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi | L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru | Artikolu 15(1)(b) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru |
| B3. Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija | Minn:<br>NMI u DI<br><br>Lil:<br>(1) NMI u DI<br>(2) organizzazzjonijiet oħra li qegħdin jipparteċipaw fil-proġett EMRP (konsorzju) | L-Istati li qegħdin jipparteċipaw fl-EMRP | Artikolu 15(1)(b) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru |

[1] Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jiġi trattat bħall-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija.

## IV. MEKKANIŻMI TA' FINANZJAMENT

A. *Finanzjament fil-Livell tal-Programm*

L-EMRP għandu jkun iffinanzjat mill-Istati parteċipanti u mill-Komunità.

L-Istati parteċipanti għandhom jiddefinixxu pjan ta' finanzjament multiannwali biex jipparteċipaw fl-EMRP u jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet tiegħu. Il-kontribuzzjoni nazzjonali tista' tiġi minn programmi eżistenti jew ġodda, sakemm ikunu konformi man-natura essenzjali tal-metroloġija ta' livell għoli ffinanzjata b'mod pubbliku. Kull Stat parteċipanti għandu, minbarra r-rekwiżit prinċipali tal-finanzjament (baġit allokat għall-EMRP), jidentifika kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ugwali għal 50 % ta' dak ir-rekwiżit sabiex jassigura l-flessibbiltà fl-operat tal-EMRP matul il-ħajja tiegħu kollha u r-rispett tal-lista ta' klassifikazzjoni. Il-finanzjament tal-EMRP għandu jinvolvi b'mod partikolari l-impenn ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-parteċipanti fil-proġetti EMRP magħżula mill-baġits nazzjonali allokati għall-EMRP, u tiġi pprovduta kontribuzzjoni "fi flus", bi kwoti proporzjonali għall-baġits tal-EMRP allokati, għal fond komuni biex jiġu ffinanzjati l-għotjiet għar-riċerkaturi, minbarra li jiġu ffinanzjati b'mod sħiħ l-ispejjeż operattivi tal-EMRP.

Il-kontribuzzjoni Komunitarja totali finanzjarja għall-EMRP hija kkalkulata daqs il-kontribuzzjoni finanzjarja attwali mill-Istati parteċipanti (esklużi spejjeż operattivi li jaqbżu EUR 16-il miljun u l-kapaċità ta' fondi ta' riżerva), b'limitu massimu ta' EUR 200 miljun. Billi l-ispejjeż operattivi huma inklużi fil-kalkulazzjoni tal-kontribuzzjoni korrispondenti, dawn iridu jiġu ġġustifikati mill-EURAMET e.V.

L-ebda kontribuzzjoni Komunitarja finanzjarja ma għandha tintuża biex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-EURAMET e.V.

B. *Tqassim Indikattiv tal-Finanzjament*

Total Komplessiv: EUR 400 miljun (+ EUR 100 miljun kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva)

| Tip ta' Attività | Komunità EUR 200 miljun | | Stati parteċipanti EUR 200 miljun | | Total EUR 400 miljun | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | % | EUR miljuni | % | EUR miljuni | % | EUR miljuni |
| Proposti għal Proġetti EMRP - Modulu (Parti A) | 82 % | 164 | 90 % | 180 | 86 % | 344 |
| Proposti ta' Għotjiet għar-Riċerkaturi Modulu (Parti B) finanzjament sa 100 % | 18 % | 36 | 2 % | 4 | 10 % | 40 |
| B1. Għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi | | | | | 7,5 % | 30 |
| B2. Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi | | | | | 1,5 % | 6 |
| B3. Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija | | | | | 1,0 % | 4 |
| Spejjeż Operattivi (Parti C) | — | — | 8 % | 16 (1) | 4 % | 16 |
| Total | 100 % | 200 | 100 % | 200 | 100 % | 400 |

(1) B'differenza miċ-ċifri l-oħrajn, dan l-ammont huwa limitu massimu vinkolanti fil-kalkolu tal-fondi korrispondenti tal-Istati parteċipanti.

C. *Finanzjament ta' Proġetti EMRP u Għotjiet għar-Riċerkaturi*

L-allokazzjoni tal-fondi mill-baġits allokati għall-EMRP u mill-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-proġetti EMRP għandha ssegwi l-ordni tal-lista ta' klassifikazzjoni approvata tal-evalwazzjoni.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-parteċipanti f'dawn il-proġetti EMRP għandha tiġi kkalkulata skont l-ispejjeż eliġibbli kif definit fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru. Jekk il-baġit allokat għall-EMRP jispiċċa minħabba r-rata għolja ta' suċċess ta' NMI u DI minn Stat parteċipanti partikolari, dan l-Istat parteċipanti għandu juża l-kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta' 50 % tal-baġit allokat tiegħu għall-EMRP allokat għal aktar proposti magħżula billi jsegwi l-lista ta' klassifikazzjoni.

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-proġetti EMRP għandha tiġi stabbilita għal kull sejħa għall-proposti bħala perċentwali tal-ispejjeż eliġibbli anqas minn 50 %. Din għandha tiġi ttrasferita direttament mill-EURAMET e.V. għall-parteċipanti tal-proġetti EMRP.

Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-proġetti tal-EMRP għandhom jiġu pprovduti billi jintużaw il-mekkaniżmi nazzjonali rispettivi ta' finanzjament.

Il-kontribuzzjonijiet fi flus mill-Komunità u nazzjonali li jintużaw biex jiffinanzjaw l-għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi, l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi u l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija għandhom jiġu ttrasferiti lill-EURAMET e.V. u minnha lill-benefiċjarji tal-għotjiet.

Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u b'mod partikolari l-eżistenza tal-kontribuzzjoni nazzjonali, il-ħlas attwali tagħha, l-użu xieraq tal-finanzjament mill-Komunità u l-eliġibilità tal-ispejjeż mitluba għandhom jiġu assigurati taħt ir-responsabilità tal-EURAMET e.V., u jiġu stabbiliti b'verifika finanzjarja indipendenti tal-proġetti EMRP skont prinċipji li jaqblu ma' dawk tas-Seba' Programm Kwadru.

L-għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi, l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi u l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija għandhom ikunu għotjiet fissi mogħtija skont skali definiti minn qabel; l-infiq dettaljat sottostanti ma għandux ikun suġġett għal verifika. Il-kategoriji ta' spejjeż koperti minn kwalunkwe għotja bħal din ma għandhomx ikunu eliġibbli bħala spejjeż ta' proġett EMRP. Huwa biss il-ħlas attwali sħiħ tal-ammont definit lill-benefiċjarju finali li għandu jiġi sostnut b'evidenza formali. Il-ħlasijiet fi flus mhumiex ikkunsidrati bħala ppruvati sewwa u mhumiex eliġibbli. EURAMET e.V. se jkollha l-għażla li titlob fondi korrispondenti minn riċevituri ta' għotjiet ta' eċċellenza ta' riċerka li huma entitajiet legali aktar milli individwi.

## V. ARRANĠAMENTI DWAR ID-DRITTIJIET TA' PROPRJETA' INTELLETTWALI

EURAMET e.V. għandha tadotta politika dwar il-proprjetà intellettwali tal-EMRP skont l-Artikolu 2(h) ta' din id-Deċiżjoni.

*ANNESS II*

**Tmexxija u Implimentazzjoni tal-Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP)**

I. DAĦLA

L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni tal-EMRP għandha tkun EURAMET e.V.. EURAMET e.V. giet stabbilita fl-2007 taħt il-liġi Ġermaniża bħala assoċjazzjoni mhux bi skop ta' qligħ. Hija l-assoċjazzjoni reġjonali Ewropea dwar il-metroloġija. Is-sħubija fl-EURAMET e.V. hi miftuħa għall-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI), bħala Membri, u għall-Istituti Nominati (DI), bħala Assoċjati, mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, u minn Stati Ewropej oħra. L-Istitut għall-Materjali u l-Miżuri ta' Referenza tal-Kummissjoni Ewropea jista' jkun ukoll Assoċjat. Fil-preżent, hemm Membri minn 32 pajjiż, li minnhom 22 huma wkoll Stati parteċipanti tal-EMRP.

II. TMEXXIJA TAL-EMRP FI ĦDAN L-EURAMET E.V.

L-korpi u l-istrutturi interni li ġejjin tal-EURAMET e.V. għandhom jassumu rwoli fl-implimentazzjoni tal-EMRP:

(1) Il-President tal-EMRP u d-deputat tiegħu/tagħha huma eletti mill-Kumitat tal-EMRP. Il-President tal-EMRP huwa awtomatikament wieħed miż-żewġ Viċi Presidenti tal-EURAMET e.V.. Huwa/hija jirrappreżentaw legalment lill-EURAMET e.V. fil-kwistjonijiet tal-EMRP.

(2) Il-Kumitat tal-EMRP huwa ffurmat minn Membri tal-EURAMET (jiġifieri NMI) li l-pajjiżi tagħhom huma Stati parteċipanti. Il-Kumitat tal-EMRP huwa l-organu li jieħu d-deċiżjonijiet tal-EMRP u huwa responsabbli għall-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw l-EMRP, fosthom id-deċiżjonijiet dwar id-definizzjoni u l-aġġornament tal-programm, dwar l-ippjanar tas-sejħiet għall-proposti, dwar il-profil tal-baġit, dwar l-eliġibilità u l-kriterji tal-għażla, dwar il-grupp tal-evalwaturi, dwar l-approvazzjoni tal-lista ta' klassifikazzjoni tal-proġetti EMRP li għandhom jiġu ffinanzjati, dwar il-monitoraġġ tal-progress tal-proġetti EMRP iffinanzjati u dwar is-superviżjoni tal-ħidma adegwata u organizzata tas-Segretarjat fir-rigward tal-EMRP. Il-Kumitat tal-EMRP jeleġġi President tal-EMRP (li huwa/hija awtomatikament "Viċi-President (EMRP)" tal-EURAMET) u deputat.

(3) Il-Kunsill għar-Riċerka huwa ffurmat minn kontinġent ibbilanċjat ta' esperti ta' livell għoli ġejjin mill-industrija, ir-riċerka u l-qasam akkademiku u minn organizzazzjonijiet internazzjonali tal-partijiet interessati. Dan jipprovdi pariri strateġiċi indipendenti dwar il-materji tal-EMRP u jirrapporta jew jikkummenta lill-Kumitat tal-EMRP meta jkun meħtieġ u meta jintalab, iżda bħala minimu huwa jagħti opinjoni dwar kull sejħa għall-proposti u ċiklu tal-għażla.

(4) Is-Segretarjat huwa kompost minn persuni impjegati minn, jew issekondati, lil EURAMET e.V.. L-istruttura u l-kompiti tiegħu huma rregolati mir-regoli ta' proċedura tal-EURAMET e.V.. Parti mis-Segretarjat responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EMRP hija ospitata mil-Laboratorju Fiżiku Nazzjonali, il-Membru mill-UE tal-EURAMET e.V. ("lill-Membru ospitanti").

(5) Il-Maniġer tal-Programm EMRP għandu jkun maniġer anzjan u, bħala soluzzjoni proviżorja, huwa/hija jistgħu jiġu ssekondati mill-Membru ospitanti. Il-Maniġer tal-Programm EMRP għandu jaġixxi biss taħt l-awtorità diretta ta' EURAMET e.V. fuq kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda l-EMRP u jirrapporta lill-korpi tiegħu. EURAMET e.V. għandha tistabbilixxi proċeduri effettivi li jiżguraw li ma jkun hemm ebda kunflitti tal-interessi bejn il-Maniġer tal-Programm EMRP u xi applikanti, parteċipanti jew benefiċjarji.

III. RESPONSABBILTAJIET ESKLUŻIVI U SOTTOKUNTRATTAR TA' KOMPITI AMMINISTRATTIVI U LOĠISTIĊI LILL-MEMBRU OSPITANTI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-EMRP.

EURAMET e.V. għandha tkun esklużivament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EMRP. Hija għandha tamministra l-kontribuzzjoni Komunitarja għall-EMRP. Barra minn hekk hija għandha tassumi wkoll responsabbiltajiet b'mod partikolari sabiex:

(i) taġġorna l-EMRP;

(ii) tiddefinixxi s-sejħiet għall-proposti;

(iii) tippubblika s-sejħiet għall-proposti;

(iv) tirċievi l-proposti għall-Istadju 1 u għall-Istadju 2 u proposti għal għotjiet għall-mobilità tar- riċerkaturi fil-fażi bikrija;

(v) tagħżel l-esperti indipendenti għall-evalwazzjoni;

(vi) tirċievi l-valutazzjonijiet individwali tal-esperti indipendenti u tippresjedi l-bordijiet tal-evalwazzjoni;

(vii) tieħu d-deċiżjonijiet finali tal-għażla;

(viii) tibda negozjati dwar kuntratti u tikkonkludi l-kuntratti mal-konsorzji magħżula għall-proġett EMRP u benefiċjarji oħra;

(ix) tirċievi u twieġeb għall-ilmenti kollha dwar is-sejħiet;

(x) tirċievi u talloka l-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja u tissorvelja l-użu tagħha;

(xi) tagħmel il-ħlasijiet lill-parteċipanti fil-proġetti ffinanzjati tal-ERMP u lir-reċipjenti tal-għotjiet;

(xii) tirrispondi għar-rekwiżiti tar-rappurtar fil-konfront tal-Kummissjoni.

Filwaqt li r-responsabbiltajiet u t-teħid tad-deċiżjonijiet ta' hawn fuq dwar l-EMRP jibqgħu esklużivament f'idejn l-EURAMET e.V., ċerti kompiti amministrattivi u loġistiċi fl-implimentazzjoni tal-EMRP jistgħu jiġu sottokuntrattati, bl-ispejjeż, lill-Membru ospitanti.

Dan is-sostenn amministrattiv u loġistiku għandu jikkonsisti minn dan li ġej:

(i) provvediment ta' amministrazzjoni u loġistika biex jiġu implimentati l-proċeduri tas-sejħiet għall-proposti, fosthom il-provvediment ta' help line ddedikata;

(ii) provvediment ta' appoġġ għat-tfassil lil EURAMET e.V. għall-iżvilupp ta' linji gwida u dokumentazzjoni oħra;

(iii) provvediment tal-kapaċità ddedikata fuq l-Internet;

(iv) provvediment ta' għajnuna għall-preparazzjoni tal-kuntratti, il-monitoraġġ tal-proġett u l-insegwiment tal-proġetti EMRP u l-għotjiet għar-riċerkaturi;

(v) appoġġ lill-Kumitat tal-EMRP u lill-President tal-EMRP kif meħtieġ.

Bi qbil mal-Kummissjoni, jistgħu jiġu sottokuntrattati kompiti addizzjonali lill-Membru ospitanti waqt li EURAMET e.V. tiżviluppa l-kapaċità tas-Segretarjat permanenti tagħha.

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-17 ta' Settembru 2009**

**li tistabilixxi d-data għat-tlestija tal-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6910)*

**(It-testi fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Olandiż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż biss huma awtentiċi)**

(2009/720/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [1], u b'mod partikolaru l-Artikolu 11(2) tiegħu.

Billi:

(1) L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008 jipprovdi għall-migrazzjoni tal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni, sat-30 ta' Settembru 2009. Jekk ikun meħtieġ, din id-data tista' tinbidel skont il-proċedura definita fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament.

(2) Kwistjonijiet identifikati matul il-fażi ta' ttestjar ta' SIS II wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1104/2008. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 u s-27 ta' Frar 2009 iddikjaraw li, minħabba l-ħin meħtieġ biex jiġu riżolti l-kwistjonijiet pendenti, id-data għall-migrazzjoni minn SIS 1+ għal SIS II, stabbilita għal Settembru 2009, m'għadhiex realistika.

(3) Fid-dawl tad-dewmien għall-migrazzjoni minn SIS I+ għal SIS II, id-data l-ġdida għat-tlestija tal-migrazzjoni għandha tiġi stabbilita biex tikkoinċidi mad-data ta' skadenza finali tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008, li tippermetti l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet li jwasslu għall-bidu tal-operazzjonijiet ta' SIS II sa din id-data.

(4) Skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 u għalhekk m'hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, billi dak ir-Regolament (KE) Nru 1104/2008 jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll, innotifikat it-traspożizzjoni ta' dan l-*acquis* fil-liġi nazzjonali tagħha. Hija, għalhekk, marbuta skont id-dritt internazzjonali li timplimenta din id-Deċiżjoni.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, li fih ir-Renju Unit m'hux qed jieħu sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [2]. Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu. Din id-Deċiżjoni m'għandhiex, għalhekk, tkun indirizzata lir-Renju Unit.

---

[1] ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.

[2] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda sabiex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen ([1]). Għaldaqstant l-Irlanda mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Din id-Deċiżjoni m'għandhiex, għalhekk, tkun indirizzata lill-Irlanda.

(7) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*aquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([2]), li jaqgħu taħt il-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, punt G, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([3]) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(8) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fl-ambitu indikat fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/146/KE ([4]) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea.

(9) Fir-rigward ta' Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fi ħdan it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqa' fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE tat-28 ta' Frar 2008 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjażżjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([5]).

(10) Il-miżuri li hemm provvediment għalihom f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz tal-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u li hemm referenza għalih fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom ilestu l-migrazzjoni mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mid-data ta' skadenza tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika ta' Franza, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvija, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jacques BARROT
*Viċi President*

---

([1]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
([2]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([4]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
([5]) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.
([6]) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-24 ta' Settembru 2009

## li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija ta' Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR)

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7044)*

**(It-testi biċ-Ċek, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż biss huma awtentiċi)**

(2009/721/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999, u l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni għandha twettaq il-verifiki meħtieġa, tikkomunika lill-Istati Membri r-riżultati ta' dawn il-verifiki, tieħu nota tal-kummenti tal-Istati Membri, tagħti bidu għal diskussjonijiet bilaterali sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim mal-Istati Membri involuti, u tikkomunikalhom formalment il-konklużjonijiet tagħhom.

(2) L-Istati Membri kellhom opportunità jitolbu t-tnedija ta' proċedura ta' konċiljazzjoni. Dik l-opportunità ntużat f'xi każi u r-rapport maħruġ dwar ir-riżultat ġie eżaminat mill-Kummissjoni.

(3) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1258/1999 u r-Regolament (KE) Nru 1290/2005, tista' tiġi ffinanzjata biss in-nefqa agrikola mġarrba b'mod li ma jiksrux ir-regoli Komunitarji.

(4) Fid-dawl tal-verifiki li twettqu, tar-riżultat tad-diskussjonijiet bilaterali u tal-proċeduri ta' konċiljazzjoni, parti minn-nefqa ddikjarata mill-Istati Membri ma tissodisfax dan ir-rekwiżit u għalhekk ma tistax tiġi ffinanzjata taħt it-Taqsima tal-Garanzija tal-FAEGG, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-FAEG u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-FAEŻR.

(5) Għandhom jiġu indikati l-ammonti li mhumiex meqjusa li jaqgħu taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-FAEGG, il-FAEG u l-FAEŻR. Dawn l-ammonti mhumiex marbutin man-nefqa mġarrba aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel in-notifika bil-miktub mill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki lill-Istati Membri.

(6) F'dak li għandu x'jaqsam mal-każijiet koperti minn din id-Deċiżjoni, il-valutazzjoni tal-ammonti li għandhom jiġi esklużi minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli Komunitarji ġiet innotifikata mill-Kummissjoni lill-Istati Membri f'rapport fil-qosor dwar is-suġġett.

(7) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr ħsara għal kwalunkwe konklużjoni finanzjarja li l-Kummissjoni tista' tiġbed mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każijiet pendenti fis-6 ta' Jannar 2009 u li huma marbutin mal-kontenut tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

In-nefqa elenkata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, imġarrba mill-aġenziji ta' ħlas akkreditati tal-Istati Membri u ddikjarata taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-FAEGG, taħt il-FAEG u taħt l-FAEŻR għandha tiġi eskluża mill-finanzjament Komunitarju minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħha mar-regoli Komunitarji.

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.
[2] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika tal-Greċja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tal-Portugall, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**PARTITA TAL-BAĠIT 6 7 0 1**

| SM | Miżura | Sena finanzjar-ja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | Kundizzjonalità | 2006-2007 | Nuqqasijiet li jikkonċernaw is-sistema ta' applikazzjoni tat-tnaqqis. Nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament 796/2004 għad-detenturi ta' bhejjem u nagħaġ. | rata fissa | 5 | EUR | – 981 349,96 | 0,00 | – 981 349,96 |
| AT | Kundizzjonalità | 2007 | Nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament 796/2004 għal raħħala b'bovini u/jew nagħaġ u mogħoż. | ta' darba | | EUR | – 530 810,86 | 0,00 | – 530 810,86 |
| | | | | | | **Total AT** | **– 1 512 160,82** | **0,00** | **– 1 512 160,82** |
| BE | Ċertifikazzjoni | 2004 | Estrapolazzjoni ta' żball aleatorju | ta' darba | | EUR | – 98 303,45 | 0,00 | – 98 303,45 |
| BE | Ċertifikazzjoni | 2005 | Estrapolazzjoni ta' żball aleatorju | ta' darba | | EUR | – 260 740,00 | 0,00 | – 260 740,00 |
| | | | | | | **Total BE** | **– 359 043,45** | **0,00** | **– 359 043,45** |
| CZ | Trab tal-Ħalib għall-Kaseina | 2004 | Il-kampjuni ttieħdu fi żmien ħażin u l-prodott ma kienx maħżun kif suppost | rata fissa | 5 | CZK | – 2 653 522,92 | 0,00 | – 2 653 522,92 |
| CZ | Trab tal-Ħalib għall-Kaseina | 2005 | Il-kampjuni ttieħdu fi żmien ħażin u l-prodott ma kienx maħżun kif suppost | rata fissa | 5 | CZK | – 2 723 245,64 | 0,00 | – 2 723 245,64 |
| | | | | | | **Total CZ** | **– 5 376 768,56** | **0,00** | **– 5 376 768,56** |
| DE | Kundizzjonalità | 2006 | Nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament 796/2004 | ta' darba | | EUR | – 82 051,60 | 0,00 | – 82 051,60 |
| DE | Verifika finanzjarja - Ħlasijiet tard | 2007 | Nuqqas ta' konformità maż-żmien stipulat għall-ħlas | ta' darba | | EUR | – 65 908,59 | – 65 908,59 | 0,00 |
| DE | Verifika finanzjarja - Qbiż tal-limiti | 2007 | Qbiż tal-allokazzjonijiet tal-Iżvilupp Rurali u korrezzjoni minħabba d-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni | ta' darba | | EUR | – 1 286 683,79 | – 1 286 683,79 | 0,00 |
| DE | Irregolaritajiet | 2008 | Rimborż li jikkonċerna każijiet ta' irregolarità | ta' darba | | EUR | 104 567,45 | 0,00 | 104,567.45 |
| DE | Żvilupp Rurali FAEGG Assi 2 (2000-2006, miżuri relatati ma' qasam partikolari) | 2006 | Nuqqas ta' kontroverifiki mal-bank tad-dejta ċentrali tal-bhejjem f'każ ta' applikazzjonijiet għal miżuri agroambjentali fejn il-limitu tad-densità tal-bhejjem tkun kundizzjoni għall-eliġibbiltà | rata fissa | 5 | EUR | – 418 300,00 | 0,00 | – 418 300,00 |
| | | | | | | **Total DE** | **– 1 748 376,53** | **– 1 352 592,38** | **– 395 784,15** |

| SM | Miżura | Sena finanzjar-ja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ES | Primjums tal-Laħam - Nagħaġ u Mogħoż | 2003 | Nuqqas ta' verifiki fil-post matul l-ewwel xahar taż-żamma u l-kwalità ġenerali fqira tagħhom | rata fissa | 2 | EUR | – 2 071 611,91 | 0,00 | – 2 071 611,91 |
| ES | Primjums tal-Laħam - Nagħaġ u Mogħoż | 2004 | Nuqqas ta' verifiki fil-post matul l-ewwel xahar taż-żamma u l-kwalità ġenerali fqira tagħhom | rata fissa | 2 | EUR | – 2 021 847,48 | 0,00 | – 2 021 847,48 |
| ES | Primjums tal-Laħam - Nagħaġ u Mogħoż | 2005 | Nuqqas ta' verifiki fil-post matul l-ewwel xahar taż-żamma u l-kwalità ġenerali fqira tagħhom | rata fissa | 2 | EUR | – 2 008 918,46 | 0,00 | – 2 008 918,46 |
| ES | Primjums tal-Laħam - Nagħaġ u Mogħoż | 2006 | Nuqqas ta' verifiki fil-post matul l-ewwel xahar taż-żamma u l-kwalità ġenerali fqira tagħhom | rata fissa | 2 | EUR | – 1 512,05 | 0,00 | – 1 512,05 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2003 | dgħufijiet fil-verifiki ewlenin u f'dawk anċil-lari fl-Andalusia | rata fissa | 2 | EUR | – 15 571 890,92 | 0,00 | – 15 571 890,92 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2003 | dgħufijiet fil-verifiki ewlenin u f'dawk anċil-lari | rata fissa | 5 | EUR | – 7 493 167,92 | 0,00 | – 7 493 167,92 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2003 | Kalkolu ħażin tas-sanzjonijiet minħabba applikazzjoni ħażina tal-marġnijiet tekniċi ta' tolleranza fl-Andalusia | ta' darba | | EUR | – 7 804 696,43 | 0,00 | – 7 804 696,43 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2004 | dgħufijiet fil-verifiki ewlenin u f'dawk anċil-lari fl-Andalusia | rata fissa | 2 | EUR | – 470 563,99 | 0,00 | – 470 563,99 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2004 | dgħufijiet fil-verifiki ewlenin u f'dawk anċil-lari | rata fissa | 5 | EUR | – 120 076,26 | 0,00 | – 120 076,26 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2005 | dgħufijiet fil-verifiki ewlenin u f'dawk anċil-lari fl-Andalusia | rata fissa | 2 | EUR | – 127 706,94 | 0,00 | – 127 706,94 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2005 | dgħufijiet fil-verifiki ewlenin u f'dawk anċil-lari | rata fissa | 5 | EUR | – 35 516,52 | 0,00 | – 35 516,52 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2006 | dgħufijiet fil-verifiki ewlenin u f'dawk anċil-lari fl-Andalusia | rata fissa | 2 | EUR | – 102 574,75 | 0,00 | – 102 574,75 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Għajnuna għall-Produzzjoni | 2006 | dgħufijiet fil-verifiki ewlenin u f'dawk anċil-lari | rata fissa | 5 | EUR | – 14 813,23 | 0,00 | – 14 813,23 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produz-zjoni tal-priservi | 2003 | Struzzjonijiet ta' kontroll u superviżjoni insuffiċjenti mwettqa mill-aġenzija tal-ħlas tal-Galicia li jirriżultaw fi kwalità u kwantità mhux xierqa ta' verifiki | rata fissa | 2 | EUR | – 56 556,66 | 0,00 | – 56 556,66 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produz-zjoni tal-priservi | 2004 | Struzzjonijiet ta' kontroll u superviżjoni insuffiċjenti mwettqa mill-aġenzija tal-ħlas tal-Galicia li jirriżultaw fi kwalità u kwantità mhux xierqa ta' verifiki | rata fissa | 2 | EUR | – 247 607,45 | 0,00 | – 247 607,45 |

| SM | Miżura | Sena finanzjar-ja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produzzjoni tal-priservi | 2005 | Struzzjonijiet ta' kontroll u superviżjoni insuffiċjenti mwettqa mill-aġenzija tal-ħlas tal-Galicia li jirriżultaw fi kwalità u kwantità mhux xierqa ta' verifiki | rata fissa | 2 | EUR | – 158 115,39 | 0,00 | – 158 115,39 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produzzjoni tal-priservi | 2006 | Struzzjonijiet ta' kontroll u superviżjoni insuffiċjenti mwettqa mill-aġenzija tal-ħlas tal-Galicia li jirriżultaw fi kwalità u kwantità mhux xierqa ta' verifiki | rata fissa | 2 | EUR | – 199 478,40 | 0,00 | – 199 478,40 |
| ES | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produzzjoni tal-priservi | 2007 | Struzzjonijiet ta' kontroll u superviżjoni insuffiċjenti mwettqa mill-aġenzija tal-ħlas tal-Galicia li jirriżultaw fi kwalità u kwantità mhux xierqa ta' verifiki | rata fissa | 2 | EUR | – 1 508,41 | 0,00 | – 1 508,41 |
| ES | Miżuri ta' akkumpanjament ta' Garanzija ta' ŻR (relatati ma' qasam partikolari) | 2004 | Kwalità insuffiċjenti ta' verifiki fil-post u rapporti ta' verifiki. Ġew iċċekkjati biss żewġ impenji ta' Prattiki ta' Biedja Tajba. | rata fissa | 5 | EUR | – 727 721,00 | 0,00 | – 727 721,00 |
| ES | Miżuri ta' akkumpanjament ta' Garanzija ta' ŻR (relatati ma' qasam partikolari) | 2005 | Kwalità insuffiċjenti ta' verifiki fil-post u rapporti ta' verifiki. Ġew iċċekkjati biss żewġ impenji ta' Prattiki ta' Biedja Tajba. | rata fissa | 5 | EUR | – 1 019 192,00 | 0,00 | – 1 019 192,00 |
| | | | | | | **Total ES** | **– 40 255 076,17** | **0,00** | **– 40 255 076,17** |
| FI | Primjums tal-Laħam - Bovini | 2004 | Kalkolu ħażin tas-sanzjonijiet li jikkonċernaw baqar li jreddgħu. | ta' darba | | EUR | – 2 902,49 | 0,00 | – 2 902,49 |
| FI | Primjums tal-Laħam - Bovini | 2004 | FI-2003 l-verifiki nbdew tard. Kalkolu ħażin tas-sanzjonijiet li jikkonċernaw baqar li jreddgħu. | rata fissa | 5 | EUR | – 51 722,18 | 0,00 | – 51 722,18 |
| FI | Primjums tal-Laħam - Bovini | 2005 | Kalkolu ħażin tas-sanzjonijiet li jikkonċernaw baqar li jreddgħu. | ta' darba | | EUR | – 3 472,54 | 0,00 | – 3 472,54 |
| FI | Primjums tal-Laħam - Bovini | 2006 | Kalkolu ħażin tas-sanzjonijiet li jikkonċernaw baqar li jreddgħu. | ta' darba | | EUR | – 2 225,89 | 0,00 | – 2 225,89 |
| | | | | | | **Total FI** | **– 60 323,10** | **0,00** | **– 60 323,10** |
| FR | Kundizzjonalità | 2006 | Sena meta saret it-talba 2006: Is-sistema tal-applikazzjoni tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet mhijiex konformi mar-Regolament 796/2004. dgħufijiet fil-livell ta' verifiki fil-post | rata fissa | 10 | EUR | – 74 768,22 | 0,00 | – 74 768,22 |
| FR | Kundizzjonalità | 2006 | Sena meta saret it-talba 2005: Is-sistema tal-applikazzjoni tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet mhijiex konformi mar-Regolament 796/2004. dgħufijiet fil-livell ta' verifiki fil-post | rata fissa | 10 | EUR | – 22 865 398,47 | 0,00 | – 22 865 398,47 |

| SM | Miżura | Sena finanzjar-ja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| FR | Kundizzjonalità | 2007 | Sena meta saret it-talba 2006: Is-sistema tal-applikazzjoni tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet mhijiex konformi mar-Regolament 796/2004. dgħufijiet fil-livell ta' verifiki fil-post | rata fissa | 10 | EUR | – 48 018 996,45 | 0,00 | – 48 018 996,45 |
| FR | Kundizzjonalità | 2007 | Sena meta saret it-talba 2005: Is-sistema tal-applikazzjoni tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet mhijiex konformi mar-Regolament 796/2004. dgħufijiet fil-livell ta' verifiki fil-post | rata fissa | 10 | EUR | – 9 305,52 | 0,00 | – 9 305,52 |
| | | | | | | **Total FR** | **– 70 968 468,66** | **0,00** | **– 70 968 468,66** |
| GB | Verifika finanzjarja - Ħlasijiet tard | 2006 | Nuqqas ta' konformità maż-żmien stipulat għall-ħlas | ta' darba | | EUR | – 5 732 301,16 | – 5 732 301,16 | 0,00 |
| GB | Verifika finanzjarja - Qbiż tal-limiti | 2006 | Qbiż tal-allokazzjonijiet tal-Iżvilupp Rurali | ta' darba | | EUR | – 784 708,59 | 0,00 | – 784 708,59 |
| GB | Verifika finanzjarja - Qbiż tal-limiti | 2006 | Qbiż tal-allokazzjonijiet tal-Iżvilupp Rurali u l-korrezzjoni tat-taxxi fuq il-ħalib | ta' darba | | EUR | – 4 423 891,69 | – 4 423 891,69 | 0,00 |
| | | | | | | **Total GB** | **– 10 940 901,44** | **– 10 156 192,85** | **– 784 708,59** |
| GR | Verifika finanzjarja - Ħlasijiet tard | 2006 | Nuqqas ta' konformità maż-żmien stipulat għall-ħlas | ta' darba | | EUR | – 4 553 141,32 | – 4 553 141,32 | 0,00 |
| GR | Verifika finanzjarja - Qbiż tal-limiti | 2006 | Qbiż tal-limiti finanzjarji, l-allokazzjonijiet u l-korrezzjoni tat-taxxi fuq il-ħalib | ta' darba | | EUR | – 8 746 881,86 | – 8 746 881,86 | 0,00 |
| GR | Verifika finanzjarja - Qbiż tal-limiti | 2006 | Qbiż tal-limiti finanzjarji | ta' darba | | EUR | – 1 841 695,81 | 0,00 | – 1 841 695,81 |
| GR | Frott u Ħaxix - Proċessar ta' Tadam | 2006 | Dgħjufjiet fil-verifiki taż-żona, tal-kontabilità u fil-verifiki amministrattivi | rata fissa | 5 | EUR | – 1 517 924,28 | 0,00 | – 1 517 924,28 |
| GR | Żejt taż-Żebbuġa - Titjib fil-kwalità taż-żejt taż-żebbuġa | 2004 | Qbiż tal-limiti finanzjarji | ta' darba | | EUR | – 337 272,64 | 0,00 | – 337 272,64 |
| GR | Ħżin Pubbliku - Ross | 2006 | L-użin tal-istokk u l-valutazzjoni tal-kwantitajiet neqsin saru f'ħin ħażin u dan wassal għal kostijiet tal-ħżin eċċessivi | ta' darba | | EUR | – 110 459,51 | 0,00 | – 110 459,51 |
| GR | Ħżin Pubbliku - Ross | 2007 | L-użin tal-istokk u l-valutazzjoni tal-kwantitajiet neqsin saru f'ħin ħażin u dan wassal għal kostijiet tal-ħżin eċċessivi | ta' darba | | EUR | – 55 227,40 | 0,00 | – 55 227,40 |
| | | | | | | **Total GR** | **– 17 162 602,82** | **– 13 300 023,18** | **– 3 862 579,64** |
| HU | Ħlasijiet Diretti | 2005 | Sena meta saret it-talba 2004 - Dgħjufjiet fl-LPIS | rata fissa | 2 | HUF | – 159 697 460,46 | 0,00 | – 159 697 460,46 |
| HU | Ħlasijiet Diretti | 2005 | Sena meta saret it-talba 2004 - Dgħjufjiet fl-LPIS, verifiki insuffiċjenti tal-GAEC | rata fissa | 2 | HUF | – 1 565 085 360,96 | 0,00 | – 1 565 085 360,96 |

| SM | Miżura | Sena finanzjarja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| HU | Ħlasijiet Diretti | 2006 | Sena meta saret it-talba 2004 - Dgħjufjiet fl-LPIS | rata fissa | 2 | HUF | – 974 468,50 | 0,00 | – 974 468,50 |
| HU | Ħlasijiet Diretti | 2006 | Sena meta saret it-talba 2004 - Dgħjufjiet fl-LPIS, verifiki insuffiċjenti tal-GAEC | rata fissa | 2 | HUF | – 2 111 378,44 | 0,00 | – 2 111 378,44 |
| HU | Ħlasijiet Diretti | 2006 | Sena meta saret it-talba 2005 - Dgħjufjiet fl-LPIS-GIS | rata fissa | 2 | HUF | – 1 874 226 638,20 | 0,00 | – 1 874 226 638,20 |
| HU | Miżuri ta' akkumpanjament ta' Garanzija ta' ŻR (relatati ma' qasam partikolari) | 2005 | Il-kontroverifiki mal-bażi tad-dejta tal-annimali mhumiex sodisfaċenti | ta' darba | | HUF | – 42 638 662,00 | 0,00 | – 42 638 662,00 |
| | | | | | | **Total HU** | **– 3 644 733 968,56** | **0,00** | **– 3 644 733 968,56** |
| IE | Kundizzjonalità | 2006 | Nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament 796/2004 | rata fissa | 2 | EUR | – 707 810,71 | 0,00 | – 707 810,71 |
| IE | Kundizzjonalità | 2007 | Nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament 796/2004 | rata fissa | 2 | EUR | – 7 117,53 | 0,00 | – 7 117,53 |
| | | | | | | **Total IE** | **– 714 928,24** | **0,00** | **– 714 928,24** |
| IT | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2003 | dgħufijiet fil-verifiki fiżiċi | rata fissa | 2 | EUR | – 620 190,92 | 0,00 | – 620 190,92 |
| IT | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2003 | Ħlasijiet li saru għaz-zokkor importat mill-Balkani | ta' darba | | EUR | – 38 460,42 | 0,00 | – 38 460,42 |
| IT | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2004 | dgħufijiet fil-verifiki fiżiċi | rata fissa | 2 | EUR | – 521 176,14 | 0,00 | – 521 176,14 |
| IT | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2004 | Ħlasijiet li saru għaz-zokkor importat mill-Balkani | ta' darba | | EUR | – 149 226,45 | 0,00 | – 149 226,45 |
| IT | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2005 | dgħufijiet fil-verifiki fiżiċi | rata fissa | 2 | EUR | – 7 075,80 | 0,00 | – 7 075,80 |
| IT | Frott u Ħaxix - Proċessar taċ-Ċitru | 2005 | dgħufijiet varji fil-verifiki li jikkonsistu minn kwalità insuffiċjenti tal-verifiki amministrattivi, tal-kontabilità u tal-verifiki fil-post li saru | rata fissa | 5 | EUR | – 2 434 173,33 | 0,00 | – 2 434 173,33 |
| IT | Frott u Ħaxix - Proċessar taċ-Ċitru | 2006 | dgħufijiet varji fil-verifiki li jikkonsistu minn kwalità insuffiċjenti tal-verifiki amministrattivi, tal-kontabilità u tal-verifiki fil-post li saru | rata fissa | 5 | EUR | – 1 105 506,48 | 0,00 | – 1 105 506,48 |
| IT | Irregolaritajiet | 2008 | Rimborż li jikkonċerna każijiet ta' irregolarità | ta' darba | | EUR | 44 226,30 | 0,00 | 44 226,30 |
| IT | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produzzjoni tal-priservi | 2003 | Struzzjonijiet insuffiċjenti ta' verifika u superviżjoni mogħtija mill-aġenzija tal-ħlas SAISA li rriżultaw fi kwalità u kwantità insuffiċjenti tal-verifiki. | rata fissa | 2 | EUR | – 52 085,75 | 0,00 | – 52 085,75 |

| SM | Miżura | Sena finanzjarja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| IT | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produzzjoni tal-priservi | 2004 | Struzzjonijiet insuffiċjenti ta' verifika u superviżjoni mogħtija mill-aġenzija tal-ħlas SAISA li rriżultaw fi kwalità u kwantità insuffiċjenti tal-verifiki. | rata fissa | 2 | EUR | – 220 175,36 | 0,00 | – 220 175,36 |
| IT | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produzzjoni tal-priservi | 2005 | Struzzjonijiet insuffiċjenti ta' verifika u superviżjoni mogħtija mill-aġenzija tal-ħlas SAISA li rriżultaw fi kwalità u kwantità insuffiċjenti tal-verifiki. | rata fissa | 2 | EUR | – 213 470,02 | 0,00 | – 213 470,02 |
| IT | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produzzjoni tal-priservi | 2006 | Struzzjonijiet insuffiċjenti ta' verifika u superviżjoni mogħtija mill-aġenzija tal-ħlas SAISA li rriżultaw fi kwalità u kwantità insuffiċjenti tal-verifiki. | rata fissa | 2 | EUR | – 85 920,81 | 0,00 | – 85 920,81 |
| IT | Żejt taż-Żebbuġa - Ħlas lura għall-produzzjoni tal-priservi | 2007 | Struzzjonijiet insuffiċjenti ta' verifika u superviżjoni mogħtija mill-aġenzija tal-ħlas SAISA li rriżultaw fi kwalità u kwantità insuffiċjenti tal-verifiki. | rata fissa | 2 | EUR | – 2 378,19 | 0,00 | – 2 378,19 |
| | | | | | | **Total IT** | **– 5 405 613,38** | **0,00** | **– 5 405 613,38** |
| LT | Ħlasijiet Diretti | 2005 | dgħufijiet fis-sistema LPIS u fil-verifiki fil-post u verifika insuffiċjenti tal-GAEC | rata fissa | 2 | LTL | – 8 187 386,50 | 0,00 | – 8 187 386,50 |
| LT | Ħlasijiet Diretti | 2006 | dgħufijiet fis-sistema LPIS u fil-verifiki fil-post u verifika insuffiċjenti tal-GAEC | rata fissa | 2 | LTL | – 329,75 | 0,00 | – 329,75 |
| | | | | | | **Total LT** | **– 8 187 716,25** | **0,00** | **– 8 187 716,25** |
| LU | Ħlasijiet Diretti | 2006 | Kalkolu ħażin tad-drittijiet tal-pagamenti uniċi skont l-erja bl-użu ta' medja reġjonali mhux adattata | ta' darba | | EUR | – 3 834,18 | 0,00 | – 3 834,18 |
| LU | Ħlasijiet Diretti | 2007 | Kalkolu ħażin tad-drittijiet tal-pagamenti uniċi skont l-erja bl-użu ta' medja reġjonali mhux adattata | ta' darba | | EUR | – 513,28 | 0,00 | – 513,28 |
| | | | | | | **Total LU** | **– 4 347,46** | **0,00** | **– 4 347,46** |
| MT | Verifika finanzjarja - Qbiż tal-limiti | 2007 | Qbiż tal-limiti finanzjarji | ta' darba | | EUR | – 16 690,38 | – 16 690,38 | 0,00 |
| | | | | | | **Total MT** | **– 16 690,38** | **– 16 690,38** | **0,00** |
| NL | Ħlasijiet Diretti | 2006 | dgħufijiet fil-verifiki LPIS-GIS, fil-verifiki amministrattivi u fil-verifiki fil-post u fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet regolatorji | ta' darba | | EUR | – 5 538 453,00 | 0,00 | – 5 538 453,00 |

| SM | Miżura | Sena finanzjarja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| NL | Ħlasijiet Diretti | 2007 | dgħufijiet fil-verifiki LPIS-GIS, fil-verifiki amministrattivi u fil-verifiki fil-post u fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet regolatorji | ta' darba | | EUR | – 5 866 224,00 | 0,00 | – 5 866 224,00 |
| NL | Ħlasijiet Diretti | 2008 | dgħufijiet fil-verifiki LPIS-GIS, fil-verifiki amministrattivi u fil-verifiki fil-post u fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet regolatorji | ta' darba | | EUR | – 5 226 404,00 | 0,00 | – 5 226 404,00 |
| NL | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2001 | Kwantità insuffiċjenti ta' verifiki ta' sostituzzjoni fl-uffiċċji tad-dwana fid-distrett ta' Rotterdam | rata fissa | 10 | EUR | – 392 282,80 | 0,00 | – 392 282,80 |
| NL | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2002 | Kwantità insuffiċjenti ta' verifiki ta' sostituzzjoni fl-uffiċċji tad-dwana fid-distrett ta' Rotterdam | rata fissa | 10 | EUR | – 5 601 293,13 | 0,00 | – 5 601 293,13 |
| NL | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2003 | Kwantità insuffiċjenti ta' verifiki ta' sostituzzjoni fl-uffiċċji tad-dwana fid-distrett ta' Rotterdam | rata fissa | 10 | EUR | – 1 215 943,72 | 0,00 | – 1 215 943,72 |
| NL | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u Għajnuna Alimentari lil hinn mill-UE | 2001 | Kwantità insuffiċjenti ta' verifiki ta' sostituzzjoni fl-uffiċċji tad-dwana fid-distrett ta' Rotterdam | rata fissa | 10 | EUR | – 137 829,09 | 0,00 | – 137 829,09 |
| NL | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u Għajnuna Alimentari lil hinn mill-UE | 2002 | Kwantità insuffiċjenti ta' verifiki ta' sostituzzjoni fl-uffiċċji tad-dwana fid-distrett ta' Rotterdam | rata fissa | 10 | EUR | – 1 968 021,91 | 0,00 | – 1 968 021,91 |
| NL | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u Għajnuna Alimentari lil hinn mill-UE | 2003 | Kwantità insuffiċjenti ta' verifiki ta' sostituzzjoni fl-uffiċċji tad-dwana fid-distrett ta' Rotterdam | rata fissa | 10 | EUR | – 427 223,47 | 0,00 | – 427 223,47 |
| NL | Verifika finanzjarja - Qbiż tal-limiti | 2006 | Qbiż tal-limiti finanzjarji | ta' darba | | EUR | – 1 871 229,37 | 0,00 | – 1 871 229,37 |
| | | | | | | **Total NL** | **– 28 244 904,49** | **0,00** | **– 28 244 904,49** |
| PL | Żvilupp Rurali FAEGG Assi 2 (2000-2006, miżuri relatati ma' qasam partikolari) | 2005 | Ma saru l-ebda kontroverifiki mal-bażi taddejta tal-annimali sal-aħħar tal-2005. Kwalità fqira tar-rapporti tal-verifika. L-impenji agroambjentali ma ġewx iċċekkjati kollha. Nuqqas ta' sanzjonijiet. | rata fissa | 5 | PLN | – 47 152 775,00 | 0,00 | – 47 152 775,00 |
| | | | | | | **Total PL** | **– 47 152 775,00** | **0,00** | **– 47 152 775,00** |
| PT | Ċertifikazzjoni | 2001 | L-iżball l-iktar probabbli huwa ħlasijiet żejda | ta' darba | | EUR | – 2 073 170,00 | – 2 848 206,87 | 775 036,87 |
| PT | Ċertifikazzjoni | 2002 | L-iżball l-iktar probabbli huwa ħlasijiet żejda | ta' darba | | EUR | – 1 768 014,18 | 0,0 | – 1 768 014,18 |
| PT | Ċertifikazzjoni | 2002 | Żball sistematiku | ta' darba | | EUR | – 455 084,30 | 0,0 | – 455 084,30 |
| PT | Ċertifikazzjoni | 2003 | L-iżball l-iktar probabbli huwa ħlasijiet żejda | ta' darba | | EUR | – 2 056 200,00 | 0,0 | – 2 056 200,00 |
| PT | Ċertifikazzjoni | 2004 | L-iżball l-iktar probabbli huwa ħlasijiet żejda | ta' darba | | EUR | – 226 000,00 | 0,0 | – 226 000,00 |

| SM | Miżura | Sena finanzjarja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PT | Ċertifikazzjoni | 2005 | L-iżball l-iktar probabbli huwa ħlasijiet żejda | ta' darba | | EUR | – 2 147 000,00 | 0,0 | – 2 147 000,00 |
| PT | Ċertifikazzjoni | | L-irkupri diġà ġew irrimborżati lill-baġit Komunitarju f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċertifikazzjoni tal-2001-2005 | ta' darba | | EUR | 134 701,72 | 0,0 | 134 701,72 |
| PT | Kundizzjonalità | 2006 | Verifiki li ma sarux fiż-żmien stipulat | rata fissa | 5 | EUR | – 727 228,53 | 0,0 | – 727 228,53 |
| PT | Kundizzjonalità | 2007 | Verifiki li ma sarux fiż-żmien stipulat | rata fissa | 5 | EUR | – 1 952,69 | 0,0 | – 1 952,69 |
| PT | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2003 | Fl-2003 l-għadd minimu ta' verifiki ta' sostituzzjoni ma ntlaħaqx f'żewġ uffiċċji tad-dwana | rata fissa | 5 | EUR | – 16 434,84 | 0,0 | – 16 434,84 |
| PT | Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni - Zokkor u iżoglukożju | 2004 | Fl-2003 l-għadd minimu ta' verifiki ta' sostituzzjoni ma ntlaħaqx f'żewġ uffiċċji tad-dwana | rata fissa | 5 | EUR | – 28 112,11 | 0,0 | – 28 112,11 |
| PT | Miżuri ta' akkumpanjament ta' Garanzija ta' ŻR (relatati ma' qasam partikolari) | 2004 | Għażla ħażina tal-kampjuni għall-verifiki fil-post u tal-ambitu limitat tagħhom li ma tassigurax li minimu ta' 5% tal-benefiċjarji jiġu vverifikati kull sena | rata fissa | 2 | EUR | – 1 264 084,00 | 0,0 | – 1 264 084,00 |
| PT | Miżuri ta' akkumpanjament ta' Garanzija ta' ŻR (relatati ma' qasam partikolari) | 2005 | Għażla ħażina tal-kampjuni għall-verifiki fil-post u tal-ambitu limitat tagħhom li ma tassigurax li minimu ta' 5% tal-benefiċjarji jiġu vverifikati kull sena | rata fissa | 2 | EUR | – 1 399 863,00 | 0,0 | – 1 399 863,00 |
| | | | | | | **Total PT** | **– 12 028 441,93** | **– 2 848 206,87** | **– 9 180 235,06** |
| SI | Verifika finanzjarja - Ħlasijiet tard | 2007 | Nuqqas ta' konformità maż-żmien stipulat għall-ħlas | ta' darba | | EUR | – 11 173,87 | – 11 173,87 | 0,0 |
| SI | Verifika finanzjarja - Qbiż tal-limiti | 2007 | Qbiż tal-limiti finanzjarji | ta' darba | | EUR | – 14 688,91 | – 14 688,91 | 0,0 |
| | | | | | | **Total SI** | **– 25 862,78** | **– 25 862,78** | **0,0** |

## PARTITA TAL-BAĠIT 6 7 1 1

| SM | Miżura | Sena finanzjarja | Raġuni għall-korrezzjoni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis li diġà sar | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DE | Żvilupp Rurali FAEŻR Assi 2 (2007 DE06RPO 020) | 2007 | Nuqqas ta' kontroverifiki mal-bank tad-dejta ċentrali tal-bhejjem f'każ ta' applikazzjonijiet għal miżuri agroambjentali fejn il-limitu tad-densità tal-bhejjem tkun kundizzjoni għall-eliġibbiltà | rata fissa | 5 | EUR | – 350 800,00 | 0,0 | – 350 800,00 |
| | | | | | | **Total DE** | **– 350 800,00** | **0,0** | **– 350 800,00** |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' Settembru 2009

## li temenda d-Deċiżjoni 2003/324/KE rigward deroga mill-projbizzjoni tar-riċiklaġġ intraspeċje għall-annimali tal-pil fil-Latvja

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5550)*

**(It-testi bl-Estonjan, bil-Finlandiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

(2009/722/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jistipula regoli ta' saħħa dwar prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 22(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jipprevedi projbizzjoni fuq l-għalf tal-annimali bi proteina tal-annimali proċessata derivata minn annimali tal-istess speċi. Wara li kkonsultat il-kumitati xjentifiċi xierqa jistgħu jingħataw derogi minn dik ir-regola fir-rigward ta' annimali bil-pil.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/324/KE tat-12 ta' Mejju 2003 rigward deroga mill-projbizzjoni tar-riċiklaġġ intraspeċje għall-annimali tal-pil li taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] issemmi l-Istati Membri li huma awtorizzati li jagħmlu użu minn dik id-deroga, l-ispeċi li jistgħu jintemgħu bi proteina proċessata tal-annimali derivata mill-annimali tal-istess speċi, u tistipula r-regoli li taħthom jista' jseħħ l-għalf.

(3) Il-Latvja ressqet talba għal droga mill-projbizzjoni tar-riċiklaġġ intraspeċje għall-annimali tal-pil u ressqet informazzjoni sodisfaċenti dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat il-kontroll ta' riskji għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali.

(4) Id-Deċiżjoni 2003/324/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2003/324/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Id-deroga għall-Estonja, il-Latvja u l-Finlandja**

1. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, tingħata deroga lill-Estonja, il-Latvja u l-Finlandja rigward l-għalf tal-annimali tal-pil li ġejjin ma' proteina proċessata tal-annimali derivata mill-iġsma jew partijiet ta' iġsma ta' annimali tal-istess speċi:

(a) volpijiet (*Vulpes vulpes* u *Alopex lagopus*); kif ukoll

(b) klieb raccoon (*Nycteroites procynoides*).

2. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, tingħata deroga lill-Estonja, il-Latvja u l-Finlandja rigward l-għalf tal-annimali tal-pil tal-ispeċi tal-mink Amerikan (*Mustela vison*) ma' proteina proċessata tal-annimali derivata mill-iġsma jew partijiet ta' iġsma ta' annimali tal-istess speċi:"

(2) L-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

**Il-konformità ma' din id-Deċiżjoni**

L-Estonja, il-Latvja u l-Finlandja għandhom jieħu l-miżuri meħtieġa minnufih biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni, u jippubblikaw dawk il-miżuri. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih dwar dan."

(3) L-Artikolu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

**Id-destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Finlandja."

---

[1] ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.
[2] ĠU L 117, 13.5.2003, p. 37.

*Artikolu 2*

Din id-Direttiva hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUSEC/1/2009

**tal-25 ta' Settembru 2009**

**dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)**

(2009/723/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/709/PESK tal-15 ta' Settembru 2009 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8 tal-Azzjoni Konġunta 2009/709/PESK il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet sussegwenti dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni.

(2) Fl-24 ta' Ġunju 2008, Jean-Paul MICHEL inħatar Kap tal-Missjoni għall-EUSEC RD Congo.

(3) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra mill-ġdid ta' Jean-Paul MICHEL bħala l-Kap tal-Missjoni għall-EUSEC RD Congo.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Jean-Paul MICHEL huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma fil-qasam tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fl-1 ta' Ottubru 2009.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

O. SKOOG

---

([1]) ĠU L 246, 18.9.2009, p. 33.

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI 2009/724/ĠAI

### tas-17 ta' Settembru 2009

### li tistabilixxi d-data għat-tlestija tal-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tagħha.

Billi:

(1) L-Artikolu 11(2) tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI jipprovdi għall-migrazzjoni tal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2009. Jekk ikun meħtieġ, din id-data tista' tinbidel skont il-proċedura definita fl-Artikolu 17(2) tad-Deċiżjoni.

(2) Kwistjonijiet identifikati matul il-fażi ta' ttestjar ta' SIS II wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI, Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 u s-27 ta' Frar 2009 iddikjaraw li, minħabba l-ħin meħtieġ biex jiġu riżolti l-kwistjonijiet pendenti, id-data għall-migrazzjoni minn SIS 1+ għal SIS II, stabbilita għal Settembru 2009, m'għadhiex realistika.

(3) Fid-dawl tad-dewmien għall-migrazzjoni minn SIS I+ għal SIS II, id-data l-ġdida għat-tlestija tal-migrazzjoni għandha tiġi stabbilita biex tikkoinċidi mad-data ta' skadenza finali tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI, li tippermetti l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet li jwasslu għall-bidu tal-operazzjonijiet ta' SIS II sa dik id-data.

(4) Ir-Renju Unit qiegħed jieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness għat-Trattat UE u għat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000, rigward it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħdu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen ([2]).

(5) L-Irlanda qed tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness għat-Trattat UE u għat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda li tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen ([3]).

(6) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([4]), li jaqgħu taħt il-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, il-punt G, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([5]) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(7) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fl-ambitu indikat fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI ([6]) dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea.

(8) Fir-rigward ta' Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fi ħdan it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqa' fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/262/ĠAI tat-28 ta' Frar 2008 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità

([1]) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.
([2]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
([3]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36
([5]) ĠU L 176, 10.7.1999, p.31.
([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50.

Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([1]).

(9) Il-miżuri li hemm provvediment għalihom f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz tal-Artikolu 67(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/53'/ĠAI ([2]) u li hemm referenza għalih fl-Artikolu 17(1) tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom ilestu l-migrazzjoni mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni, sad-data ta' skadenza tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jacques BARROT

*Viċi President*

([1]) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 5.
([2]) ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/724/ĠAI tas-17 ta' Settembru 2009 li tistabilixxi d-data għat-tlestija tal-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)** ...... 41

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT